MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH AZZOPARDI**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2014

Appell Civili Numru. 512/1989/2

**Joseph Borg f'ismu proprju u fil-kwalita` tieghu ta' direttur tas-socjeta` Marks and Charles Limited ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess**

**v.**

**Joseph Pace fil-kwalita` tieghu ta' direttur tas-socjeta` Terry Limited ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess; u Norman Buckle u Victor Balzan fil-kwalita` taghhom ta' diretturi tas-socjeta` Paola Development Co. Ltd ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess ghal kwalunkwe interess li jista' jkollhom, u b'digriet tal-11 ta' Gunju 2008 il-Qorti ordnat li HSBC Bank Malta p.l.c jigi mdahhal fil-kawza *in statu et terminis*; u b'digriet tal-24 ta' Marzu 2009 il-Qorti awtorizzat li s-socjeta` VICA Limited tintervjeni fil-kawza *in statu et terminis*; u b'digriet iehor datat 26 ta' Marzu 2009 awtorizzat lis-socjeta` Paola Developments Company Limited tintervjeni fil-kawza *in statu et terminis***

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni tal-attrici pprezentata fit-3 ta' Mejju 1989 fejn gie premess:

"Illi l-attur *proprio et nomine* kien azzjonist u direttur fis-socjeta` Paola Development Co. Ltd.

"Illi huwa baqa' azzjonist u direttur tal-istess socjeta' sas-27 ta' Settembru 1986 meta huwa ttrasferixxa l-istess azzjonijiet lil Chevron Limited.

"Illi fit-8 ta' Dicembru 1981 kontra l-volonta` tas-socjeta' Paola Development Co. Ltd. u tieghu, minhabba theddid, vjolenza, b'qerq u b'kawza illecita gie mgieghel jittrasferixxi l-artijiet Ta' Zilfa u Ta' Beligna limiti tal-Fgura lis-socjeta` konvenuta Terry Limited b'kuntratt ta' enfitewsi perpetwa fl-atti tan-Nutar Joseph Henry Saydon.

"Illi b'skrittura datata 8 ta' Dicembru 1981 quddiem in-Nutar Joseph Henry Saydon, gie dikjarat illi Paola Development Co,Ltd. irceviet is-somma ta' sebat elef u hames mitt lira (Lm7,500) bhala somma tar-redenzjoni tac-cens, liema somma fil-fatt qatt ma thallset.

“Illi dan it-theddid, minaccji u vjolenza kienu kontinwi u baqghu jhallu l-effett, taghhom sal-11 ta’ Novembru 1988.

“Illi dan it-theddid, minaccji u vjolenza ghat-trasferiment tal-imsemmija art Ta’ Zilfa u Ta’ Beligna limiti tal-Fgura kienu a konoxxenza tal-konvenut *nomine*, ghalkemm perpetrati materjalment minn Piju Camilleri.

“Peress illi l-konvenut kien partecipi f’dan l-agir ma’ Piju Camilleri.

“Illi l-attur *proprio et nomine* b'kuntratt tas-27 ta' Settembru 1986 fl-atti tan-Nutar Victor John Bisazza biegh u ttrasferixxa l-azzjonijiet f’Paola Development Co.Ltd. bil-prezz ta’ Lm1,500 lil Chevron Limited.

“Illi meta biegh dawn l-azzjonijiet bi prezz baxx billi l-prezz ma setax jinkludi l-valur sostanzjali tal-proprjetajiet trasferiti lil Terry Limited bil-kuntratt tat-8 ta' Dicembru 1981 fuq imsemmi li kien sar b’vizzju tal-kunsens tieghu u tas-socjeta` Paola Development Co.Ltd. *stante* li ma baqghux fil-pussess taghha.

“Illi huwa sofra danni ingenti minhabba l-azzjoni doluza u frawdolenti tal-konvenut Joseph Pace *nomine*.

“Illi huwa interpella lill-konvenut Joseph Pace *nomine* biex jersaq ghal-likwidazzjoni tad-danni minnu sofferti bl-azzjoni doluza u frawdolenti tieghu;

“Illi l-konvenut Joseph Pace *nomine* gie inibit b'digriet tal-20 ta' April 1989 milli jittrasferixxi, jbiegh jew b'xi mod iehor jassenja l-proprjetajiet Ta’ Zilfa u Ta’ Beligna liema art kienet giet akkwistata b’theddid, qerq, vjolenza u kawza illecita b'atti tan-Nutar Joseph Henry Saydon tat-8 ta' Dicembru 1981.

“Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lill-konvenuti *nomine* jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

“1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-kuntratt ta’ trasferiment tat-8 ta' Dicembru 1981 fl-atti tan-Nutar Joseph Henry Saydon u l-iskrittura privata tal-istess data redatta min-Nutar Joseph Henry Saydon saru b'vizzju tal-kunsens ta’ Paola Development Co. Ltd. u tal-attur meta kien direttur tal-istess socjeta` u l-ebda hlas ma qatt sar.

“2. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenut Joseph Pace *nomine* hu responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur *proprio et nomine* kif fuq inghad.

“3. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur *proprio et nomine*.

“4. Tikkundanna lill-konvenut Joseph Pace *nomine* jhallas dawk id-danni hekk likwidati.

“5. Tordna lill-konvenut Joseph Pace *nomine* jibqa’ inibit milli jbiegh, jassenja jew b'xi mod jittrasferixxi l-imsemmija artijiet jew xi drittijiet fuq l-istess artijiet Ta’ Zilfa jew Ta’ Beligna limiti tal-Fgura biex ma jnaqqasx il-garanziji tal-attur u dan sakemm ihallas dawk id-danni likwidati li jkun ikkundannat ihallas minn din il-Qorti.

“Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tal-14 ta' April 1988, ittra ufficjali tas-26 ta' April 1983 u l-Mandat ta’ Inibizzjoni 6/89 u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ipprezentata fit-8 ta’ Gunju 1989 minn Norman Buckle u Victor Balzan bhala diretturi tas-socjeta` Paola Developments Limited tal-process fejn gie eccepit:

“(1) Illi fil-konfront taghhom ma jissussisti l-ebda interess guridiku u ghalhekk huma jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

“Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Pace bhala Direttur tas-socjeta` Terry Limited ipprezentata fit-12 ta’ Gunju 1989 fejn eccepixxa:

“(1) Illi l-attur ma ghandu ebda interess guridiku f'din l-istanza peress, kif jirrizulta mill-att tac-citazzjoni, l-kuntratt tat-8 ta’ Dicembru 1981 u l-iskrittura tal-istess data, li allegatament saru b'vizzju tal-kunsens tas-socjeta` Paola Development Co. Ltd. l-attur ma ghandux azzjonijiet u lanqas huwa direttur ta' din is-socjeta`.

“(2) Illi minghajr pregudizzju tal-premess l-azzjoni attrici hija nulla peress huwa legalment inkoncepibbli illi wiehed jitlob danni kontrattwali minhabba li l-kuntratti kienu vizzjati minghajr ma wiehed jitlob formalment li dawn il-kuntratti jigu rexissi - nuqqas li jgib in-nullita` tac-citazzjoni.

“(3) Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet it-talbiet attrici ma jistghux jigu akkolti peress li l-allegat vizzju tal-kunsens sar fit-8 ta’ Dicembru 1981 u l-istess attur irrinunzja ghal kwalunkwe pretensjoni tieghu fir-rigward bil-kuntratt tat-transazzjoni pubblikat min-Nutar Victor John Bisazza tat-3 ta' Dicembru 1985.

“(4) Illi fil-meritu, minghajr pregudizzju tal-premess il-kuntratt tat-8 ta’ Dicembru 1981 u l-iskrittura li ggib l-istess data saru skont il-ligi u huma perfettament validi.

“(5) Illi l-azzjoni attrici hija preskritta skont l-**artikolu 1222 tal-Kodici Civili.**

“Salv eccezzjonijiet ulterjuri.”

Rat il-kontro-talba tal-istess socjeta` Terry Limited fejn ipremettiet:

“Illi l-eccipjent *nomine* irid jinqeda bic-citazzjoni li ghamel l-attur *nomine* biex jaghmel **kontro-talba**, fis-sens illi, premessi d-dikjarazzjoni necessarji u moghtija il-provvedimenti opportuni u ppremetta li:-

“Illi peress li l-attur Joseph Borg f'ismu proprju u ghan-nom tas-socjeta` "Marks and Charles Limited" b'rikors minnu prezentat quddiem il-Qorti tal-Kummerc fl-ismijiet **"Joseph Borg pro et noe vs Joseph Pace noe"** wara li ppremetta ill huwa personalment kif ukoll ghan-nom tas-socjeta` "Marks and Charles Limited" kien azzjonist tas-socjeta` "Paola Developments Co. Ltd.", u wara li ppremetta illi Piju Camilleri kien hedded lilu u d-diretturi tal-imsemmija socjeta` "Paola Development Co. Ltd" li jekk ma jittrasferulux porzjonijiet tal-artijiet "Ta’ Zilfa" "Ta’ Beligna" u "Ta’ Xemu l-Qamar" fil-limiti tal-Fgura, minghajr ebda kumpens huwa (Piju Camilleri) kien jara li dawn l-artijiet ma jigux zviluppati.

“Illi ppremetta wkoll illi saru diversi theddid fuq il-hajja u propjeta` tieghu u bhala konsegwenza kellu jiffirma l-kuntratt tat-8 ta’ Dicembru 1981, fl-atti tan-Nutar Joseph Henry Saydon fejn "Paola Developments Co. Ltd" ittrasferiet b’vizzju ta’ kunsens u bi vjolenza dawn il-propjetajiet lis-socjeta` "Terry Ltd.”

“Illi fuq dawn l-allegazzjonjiet l-istess Joseph Borg *proprio et nomine* talab u ottjena fl-20 ta’ April 1989 il-hrug ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni Nru. 6/89 fl-ismijiet "**Joseph Borg pro et noe vs Joseph Pace noe**" fejn l-esponent gie inibit milli jbiegh, jassenja jew b'xi mod jittrasferixxi l-propjetajiet mill-artijiet "Ta’ Zilfa u "Ta’ Beligna" lill-terzi.

“Illi l-attur bhala rizultat tal-hrug ta’ dan il-Mandat ta’ Inibizzjoni pproceda bic-citazzjoni odjerna.

"Illi peress li dan il-Mandat ma ghandux aktar effett legali billi l-attur ma ghamilx il-kawza skont il-pretensjonijiet u fit-termini tal-imsemmi mandat u *inoltre*, l-istess Mandat inhareg b'qerq billi l-istess attur jaf, kif iddikjara huwa stess, illi la huwa azzjonist u lanqas direttur tas-socjeta` "Paola Developments Co. Ltd.", li kienet wahda mill-partijiet kontraenti tat-8 ta' Dicembru 1981 li allegatament huwa vizzjat.

"Illi *inoltre* bhala rizultat tal-hrug tal-Mandat imsemmi l-esponent sofra u jista' jkompli jsofri danni kbar li ghalihom huwa responsabbli l-attur.

"Illi ghalhekk talab li l-attur Joseph Borg *proprio et nomine* jghid ghaliex din il-Qorti ghar-ragunijiet fuq premessi ma ghandhiex:-

"1. Tirrevoka l-imsemmi Mandat ta' Inibizzjoni Nru 6/89 fl-ismijiet "**Joseph Borg pro et noe vs Joseph Pace noe**" mahrug mill-Qorti tal-Kummerc fl-20 ta' April 1989 li inhareg b'qerq u ma giex segwit b'citazzjoni skont it-termini tal-istess mandat.

"2. Tiddikjara lill-istess Joseph Borg *proprio et nomine* responsabbli ghad-danni sofferti mill-esponent Joseph Pace *nomine* minhabba l-hrug tal-imsemmi Mandat ta' Inibizzjoni.

"Bl-ispejjez inkluzi l-Mandat ta' Sekwestru u Impediment tal-Partenza tallum u b'riserva ghal-likwidazzjoni tad-danni f'gudizzju separat.

"Il-konvenut Joseph Borg *proprio et noe* huma ngunti ghas-subizzjoni."

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-attur Joseph Borg proprio et nomine pprezentata fil-21 ta' Gunju 1989 fejn eccepixxa:

"1. Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* illi kif jirrizulta mill-atti processwali l-Mandat ta' Inibizzjoni 6/89 fl-ismijiet "**Joseph Borg pro et noe vs Joseph Pace noe et**" bl-ebda mod ma nhareg b' qerq.

"2. Illi l-Mandat ta' Inibizzjoni 6/89 gie appuntat ghas-smigh; instemghet ix-xhieda kollha opportuna sia tal-attur kif ukoll tal-konvenut liema xhieda gew ukoll kontro-ezaminati u saret it-trattazzjoni orali.

"3. Illi c-citazzjoni li segwiet il-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni saret *ai termini* tal-istess mandat *stante* illi huwa qatt ma ppremetta li ghadu direttur u azzjonist tas-socjeta` Paola Developments Co. Ltd., kif ukoll skont ittra ufficjali tas-26 ta' April 1988 l-attur mill-bidu talab rizarciment ta' danni; kif ukoll ghaliex l-attur kif jirrizulta mill-atti processwali ghamel il-kawza skont il-pretensjonijiet u fit-termini tal-istess mandat.

"4. Illi huwa l-konvenut Joseph Pace li hu responsabbli ghad-danni u mhux l-attur Borg *stante* illi huwa ma kkawza ebda danni lill-konvenut Pace imma ezercita whud mid-drittijiet li hu ghandu in konfront tal-konvenut skont il-ligi.

"5. Salv eccezzjonijiet ohra."

Rat in-nota ta' ammissjoni ta' Joseph Pace nomine;

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tas-17 ta' Gunju 2010 li permezz taghha l-istess Qorti cahdet it-tielet, raba' u hames talbiet attrici u laqghet l-ewwel talba tal-kontro-talba tas-socjeta` Terry Limited u cahdet it-tieni talba taghha;

Illi minhabba n-natura komplessa tal-kawza jkun tajjeb li tigi riprodotta parti sostanzjali tas-sentenza appellata:

"Rat id-decizjoni ta' din il-Qorti diversament presjeduta tat-18 ta' Gunju 2004 (fol. 358) fejn sostniet li jirrizulta li l-kunsens tal-attur ghall-kuntratt tat-8 ta' Dicembru 1981, apparti l-ammissjoni tal-konvenut Joseph Pace *nomine*, kien vizzjat b'theddid serju u reali, u li dan l-agir illegali jikkostitwixxi delitt mill-aspett civili, bil-konsegwenza li s-socjeta' konvenuta Terry Limited akkwistat b'mod frawdolenti awment sostanzjali fil-patrimonju taghha ghad-dannu tas-socjeta' Paola Developments Co. Limited, li f'dak iz-zmien l-*attur proprio et nomine* kien id-direttur u proprjetarju tan-nofs l-azzjonijiet; sostniet li kien l-agir illegali u delittwuz ezercitat fuq l-attur li jifforma l-bazi tal-azzjoni odjerna, u dan ta lok ghad-danni sofferti mill-attur kawza tal-istess trasferiment (fejn fis-seduta tad-19 ta' Frar 1996 l-attur (fol. 229) sostna li l-artijiet in kwistjoni jiswew Lm460,000), u liema kawza allura tinkwadra ruhha taht l-istitut ta' delitti u kwazi deletti (**artikoli 1031 u 1033 tal-Kap. 16)** u qalet li a bazi ta' l-atti minnha ndikati fuq l-atturi, is-socjeta' ggwadanjat b'mod abbusiv u ghalhekk ghandha taghmel tajjeb ghad-danni sofferti mill-attur. Ikkunsidrat ukoll l-att ta' transazzjoni datat 3 ta' Dicembru 1995 bejn l-attur, Victor Balzan u Piju Camilleri fil-kwalita' taghhom hemm indikata, u nnutat li wahda mill-vertenzi transatta kienet dik proprju dwar l-artijiet *de quo* li giet indikata li hija *"transferred to Pace nomine (Terry Limited. Case to be instituted for damages amounting to Lm69,000",* u wara li rreferiet ghall-iskrittura ta' transazzjoni datata 17 ta' Gunju 1985, sostniet li tenut kont ta' dak li xehed l-attur fid-deposizzjoni tieghu tal-14 ta' Marzu 1989 fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni (6/89) li din it- transazzjoni ma saritx taht minacci la ta' Piju Camilleri u lanqas ta' Victor Balzan, u ghalhekk saret minnu volontarjament (Kawza 673/89 – Dok. "Y"), hija sosniet li l-bejgh ta' ishma *da parte* tal-attur kien wiehed volontarju, izda dan ma jdghajjifx il-kaz tal-attur, ghaliex id-danni huma relatati mal-atti delittuzi kommessi fuqu b'konsegwenza tal-att tat-8 ta' Dicembru 1981, u fuq din il-bazi sostniet li l-allegazzjonijiet tal-atturi fil-konfront tas-socjeta' Terry Limited tirrizulta pprovata ghar-ragunijiet hemm indikati nkluz l-ammissjoni *da parte* tas-socjeta' konvenuta Terry Limited fejn laqghet l-ewwel zewg talbiet attrici fil-konfront tas-socjeta' Terry Limited izda mhux fil-konfront tas-socjeta' Paola Developments Co. Limited (peress li fil-konfront taghha ma gie riskontrat ebda nuqqas li jwassal ghar-responsabbilta' taghha), u dan bl-ispejjez kontra s-socjeta' Terry Limited, hlief ghal dawk ta' Paola Developments Co. Limited li baqghu a karigu tal-attur *et nomine*. Ordnat il-prosegwiment tal-kawza fuq il-kumplament tat-talbiet attrici, kif ukoll fuq il-kontro-talba tas-socjeta' Terry Limited.

"Rat ir-rikors tal-Amministratur Provvizorju Avukat Peter Fenech datat 18 ta' Gunju 2004 a fol 369 tal-process fejn talab permess sabiex jappella mis-sentenza *in parte* tal-istess data, u l-Qorti tat il-permess b'digriet datat 23 ta' Gunju 2004.

“Rat ir-rikors tas-socjeta’ HSBC Bank Malta plc datat 23 ta’ Gunju 2004 sabiex tappella mill-istess sentenza, u d-digriet datat 25 ta’ Gunju 2004 fejn l-istess rikorrenti gie moghti wkoll il-permess sabiex jappella mill-istess sentenza.

“Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta’ HSBC Bank Malta plc datat 8 ta’ Lulju 2004 fejn inghad li s-sentenza hija nulla ghaliex ma gewx decizi l-eccezzjonijiet indikati mressqa mis-socjeta’ konvenuta Terry Ltd; fejn jinghad li l-attur ma kienx vittma tal-vjolenza izda kompartecipi fl-atti ta’ korruzzjoni sabiex art bla permess inhargilha l-permess u nbieghet bi prezz ferm ghola minn kif inxtrat mis-socjeta’ PDCL u dan jammonta ghall-kawza illecita li skont l-artikolu 991 (2) tal-Kap 16, u li l-ammissjoni da parte ta’ Terry Limited tammonta ghall-att ta’ kolluzzjoni, u l-azzjoni attrici hija preskritta a bazi tal-artikolu 2153 jew 2154 kombinat mal-artikolu 251 u artikolu 688 (d) tal-Kodici Kriminali, u fejn indikat l-allegat interess tieghu ta’ terz li jaghmel dan l-appell.

“Rat ir-risposta tal-appell tal-atturi datata 21 ta’ Lulju 2004 fejn sostnew li l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni ma setghetx tigi milqugha, kemm minhabba li l-azzjoni hija bbazata fuq frodi u kif ukoll li Joseph Pace ammetta t-talbiet attrici. Jghid li t-talba odjerna ma hijiex dik ta’ rexissjoni ta’ kuntratt izda dik ta’ danni sofferti mill-attur skont kif indikat fis-sentenza parzjali tas-16 ta’ Ottubru 1995, ghaliex huwa ma *“setghax jinkludi dan il-valur ta’ trasferiment odjern u/jew izomm il-proprjeta’ ghalih innifsu f’socjeta’ ohra”. Effettivament parti minn din l-art Ta’ Zilfa u Ta’ Beligna fil-Fgura giet diviza bejn l-azzjonisti b’kuntratt pubbliku u kieku dawn l-artijiet in kwistjoni kienu ghadhom parti mill-assi tas-socjeta’ Paola Developments Co. Ltd, l-attur kien jircievi nofshom”.* Isostni li l-amminsitratur provizorju kien qed jagixxi ta’ paraventu ta’ haddiehor, u cioe’ Vica Limited li b’abbuz u bi frodi tad-drittijiet tal-attur minkejja mandat ta’ inibizzjoni a konoxxenza taghhom dahlu fi ftehim mal-istess Terry Ltd biex flimkien ghat-tieni darba jippruvaw jingannaw lill-attur; jekk hass li Piju Camilleri kellu jkun kjamat fil-kawza dan messu qalu mill-ewwel; ma saret l-ebda forma ta’ transazzjoni mas-socjeta’ Terry Limited, liema kuntratt ta’ transazzjoni huwa suggett ghal dikjarazzjoni ta’ nullita’ minhabba vizzju ta’ kunsens u kawza llecita (Kawza Numru 1172/90/NC; jinghad li abbazi ta’ dak indikat fis-sentenza tas-16 ta’ Ottubru 1995 l-atturi ma kellhomx ihallsu l-ispejjez tas-socjeta’ PDCL, u ghalhekk interponew appell incidentali fil-kuntest tal-istess.

“Rat ir-risposta tal-appell tal-istess attur datata 21 ta’ Lulju 2004 ghar-rikors tal-appell ta’ terz HSBC Bank Malta plc fejn sostniet li l-ewwel eccezzjoni dwar

nullita' tac-citazzjoni kienet giet deciza fis-16 ta' Ottubru 1995; ;li dwar l-att ta' transazzjoni tat-3 ta' Dicembru 1995 inghad fis-sentenza tat-18 ta' Gunju 2004 li s-socjeta' Terry Limited ma kinitx wahda mill-kontraenti u ghalhekk tali transazzjoni ma tiffurmax stat in konfront tal-partijiet odjerni u l-kuntratt imsemmi huwa *"res inter alios acta"* ghall-partijiet f'din il-kawza, u ghalhekk ma kienx hemm transazzjoni bejn il-partijiet u cjoe' Joseph Borg u Marks & Charles Limited minn naha l-wahda u Terry Limited minn naha l-ohra. Dwar l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni l-konvenut ammetta t-talbiet attrici; l-attur seta` jitlob id-danni anke a bazi tas-sentenza tas-16 ta' Ottubru 1995 u kien l-attur li sofra danni u mhux Chevron Limited li akkwistat l-azzjonijiet tas-socjeta' PDCL fl-1986, u dan peress li l-attur ma setax jinkludi dan il-valur fit-trasferiment tal-istess ishma jew li jzomm il-proprjeta' ghalih innifsu f'socjeta' ohra, u s-socjeta' Terry Limited hija responsabbli ghad-danni peress li hija akkwistat l-istess proprjetajiet; is-socjeta' HSBC Malta plc minkejja li kienet taf bil-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni 6/89 (20 ta' April 1989) fejn is-socjeta' Terry Limited giet inibita milli tittrasferixxi l-artijiet *de quo* , xorta dahlet f'kuntratt ta' ipoteka ma' Terry Limited, u iskriviet l-ipoteki hemm indikati 9523/1993, 11544/1994 kif korretta b'dik numru 2280/1995, u 13860/95 kif korretta b'dik numru 2805/1996 wara l-imsemmi Mandat ta' Inibizzjoni, u ghalhekk l-istess ipoteki huma nulli, lleciti u abusivi; jghid li kien il-Bank li mexxa ghalhekk b'mod abusiv u l-attur kien vittma u mhux korroboratur tal-korruzzjoni ndikata u ghalhekk talab li s-sentenza tat-18 ta' Gunju 2004 tigi kkonfermata.

"Rat ir-risposti tal-appell tal-Amministratur Provizjorju datati 5 ta' Jannar 2005.

"Rat in-nota tal-appell ta' l-atturi datata 20 ta' Jannar 2005.

"Rat id-digriet tal-Onorabbli Qorti tal-Appell datata 7 ta' Ottubru 2005.

"Rat id-digriet fil-kawza fl-ismijiet "Vica Limited vs Terry Limited et" (Citaz. Nru. 512/89/NC) datat 15 ta' Dicembru 2003 fejn Dr. Peter Fenech gie nnominat bhala amministratur provizorju tas-socjeta' Terry Limited fejn inghad li d-direttur tas-socjeta' intimata Joseph Pace jithalla liberu f'dan l-istadju u jkompli jgesti s-socjeta' huwa u allura gie nominat bhala amministratur provizorju tal-istess socjeta' Dr. Peter Fenech, illi ghandu jaghmel elenku tal-pretensjonijiet gudizzjajri avvanzati kontra s-socjeta' intimata, jaqdi l-funzjoni ta' amministratur provizjorju skont il-ligi fl-istess proceduri u jinforma lill-Qorti b'dan kollu.

“Rat id-digriet tal-istess Qorti datat 25 ta’ Marzu 2004 fejn sostniet li l-istess Peter Fenech ghandu r-rappresentenza tas-socjeta’ in kwistjoni skont l-Att tal-1995 dwar il-Kumpaniji fejn jirrigwarda d-drittijiet u l-obbligi tal-amministratur provizorju u hu biss ghandu dritt jirrapprezenta lill-kumpanija Terry Limited.

“Rat l-atti kollha pprezentati mill-amministratur provizjorju b’nota datata 26 ta’ Ottubru 2005 inkluz d-Dok. “PF 3”, Dok. “PF4” relattivi ghall-kawza odjerna.

“Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-appellanti HSBC Bank plc quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell datata 9 ta’ Dicembru 2005 fejn sostnew li huma ghandhom interess peress li ghandhom tlett ipoteki fuq l-istess art proprjeta’ ta’ Terry Limited ghall-ammont komplessiv ta’ Lm250,000, u sostnew li kemm il-darba ikun hemm dikjarazzjoni li l-kuntratt pubbliku u l-iskrittura priavata tat-8 ta’ Dicembru 1981 jigu ddikjarati nulli u bla effett, dan ser jaffettwa d-drittijiet tal-Bank fuq l-istess art, iktar u iktar meta tali kuntratt pubbliku u skrittura huma l-mertu ta’ kawza ta’ Paola Developments Co. Ltd vs Terry Limited (48/03/FS – Dok. “D”) u jekk isir dan, l-ipoteki li ghandu l-Bank jigu fix-xejn. Dan iktar u iktar meta s-socjeta’ konvenuta odjerna Terry Limited f’daqqa wahda ammettiet il-kawza fl-20 ta’ Jannar 2005. Sostnew ukoll li kif jindikaw ir-ricerki l-valur indikat fuq il-kuntratt tat-8 ta’ Dicembru 1981 ghall-istess proprjetajiet kien simili ghall-valuri ta’ kif kienu qed jigu trasferiti l-artijiet fit-8 ta’ Dicembru 1981 (Dok. “R” – fol. 113).

“Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta’ Dicembru 2005 fejn Joseph Borg ceda l-appell incidentali, u fejn Dr. Peter Fenech ikkonferma li ma kien hemm ebda digriet fejn f’din il-kawza huwa gie nominat jew assuma formalment l-atti f’isem is-socjeta’ Terry Limited minflok Joseph Pace u dak kollu kontenut fl-istess verbal (fol 176 – 177).

“Rat id-decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell datata 6 ta’ April 2006 fejn dwar l-appell tal-amministratur provizorju ghan-nom tas-socjeta’ Terry Limited ordnat l-isfilz tieghu peress li f’din il-kawza Joseph Pace baqa’ jidher ghan-nom tal-istess socjeta’ u amminstratur provizorju qatt ma gie nominat bhala tali u ghalhekk ma ghandu l-ebda *locus standi* f’din il-procedura; dwar l-appell tal-HSBC Bank plc, sostniet li ladarba din hija kawza ta’ danni u mhux ghar-rexissjoni tal-kuntratt tat-8 ta’ Dicembru 1981, f’liema kuntratt l-istess Bank appellanti ma huwa bl-ebda mod involut, u l-vantazzjoni attrici hija fis-sens li l-kunsens tal-attur kien vizzjat, dan bl-ebda mod ma jikkoncerna lill-Bank, u dak kontenut fir-rikors tal-appell tal-istess Bank ma jikkwalifikax bhala interess guridiku tal-Bank f’din il-pendenza, anke jekk sentenza jista’ jkollha effett fuq l-

istess bank, ghaliex l-interess guridiku rikjest huwa dak fin-negozju guridiku li ta lok ghall-azzjoni, u mhux merament fl-ezitu tal-kawza u ghalhekk ikkonfermat is-sentenza in parte tal-Prim Awla datata 18 ta’ Gunju 2004 u ordnat li l-kawza tigi rimessa lill-Prim Awla biex tkompli tisma’ u tiddeciedi dwar it-talbiet l-ohra li ghadhom pendenti.

“Rat il-verbali tas-seduti mit-8 ta’ Ottubru 2004 sat-28 ta’ Ottubru 2005 fejn il-kawza giet differita minhabba li kien hemm appell pendenti.

“Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta fil-15 ta’ Frar 2006 fejn meta ssejhet il-kawza deher l-attur li nforma l-Qorti li din il-kawza qed tistenna l-ezitu ta’ decizjoni parzjali mill-Onorabbli Qorti tal-Appell, liema kawza tinsab differita ghat-30 ta’ Marzu 2006 fl-ismijiet premessi. Il-kawza giet differita *sine die* riappuntabbli fi zmien tletin (30) gurnata wara li jinqata’ l-appell fuq imsemmi u tali talba ghandha ssir b’ rikors fit-terminu fuq indikat.

“Rat ir-rikors ta’ Joseph Borg *pro et noe* datat 11 ta’ April 2006 a fol 391 tal-process fejn talab ir-riappuntament tal-kawza fejn inghad li inghatat is-sentenza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet premessi, tali decizjoni datata 6 ta’ April 2006 (fol. 392 tal-process), u dan sabiex l-istess kawza tinstema kontestwalment mal-kawza Citaz. Nru. 803/2003/RCP fl-ismijiet **“Joseph Borg pro et nomine vs Vica Limited”.**

“Rat id-digriet datat 9 ta’ Mejju 2006 fejn il-Qorti laqghet it-talba biss fis-sens li rriappuntat din il-kawza ghas-smigh ghat-12 ta’ Ottubru 2006.

“Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta’ Ottubru 2006 fejn l-attur inghata terminu sabiex jipprezenta prospett ta’ danni allegatament sofferti minnu.

“Rat ir-rikors ta’ Dr. Peter Fenech datat 25 ta’ Ottubru 2006, ir-risposti ghall-istess, u d-digriet ta’ din il-Qorti datat 28 ta’ Novembru 2006 fejn cahdet it-talba (fol. 442).

“Rat in-nota attrici datata 28 ta’ Novembru 2006 fejn l-attur qed jippretendi li d-danni sofferti minnu jammontaw ghal Lm977,500, nofs il-valur tal-indikati plots (Lm85,000 kull plot – 23 plot), skont stima tal-Perit Edgar Caruana Montalto datata 27 ta’ Novembru 2006 (Dok. “PEC 1” – fol. 451).

“Rat in-nota ta’ Joseph Borg *proprio et nomine* datata 5 ta’ Mejju 2008 a fol 456 tal-process li biha ceda l-atti tal-kawza in konfront u limitatament ghas-socjeta’ Paola Developments Company Limited *in vista* tas-sentenza tal-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fil-kawza odjerna in konfront tas-socjeta` Terry Limited.

“Rat ir-rikors ta’ HSBC Bank Malta p.l.c. datata 29 ta’ Marzu 2007 a fol 470 fejn talab li jintervjeni fil-kawza *in statu et terminis*, talba li giet milqugha b’digriet datat 11 ta’ Gunju 2008 (fol. 470).

“Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet ta’ Joseph Borg *pro et noe* datata 11 ta’ Gunju 2008 a fol 471 tal-process fejn qed jippretendi danni fl-ammont ta’ €2,221,963 bbazati fuq stima tal-Perit Edgar Caruana Montalto tas-27 ta’ Novembru 2006.

“Rat ir-risposta ta’ Joseph Pace *noe et* ghan-nota ta’ osservazzjonijiet ta’ Joseph Borg *pro et noe* datata 1 ta’ Awwissu 2008 a fol 477 tal-process.

“Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tal-intervenut fil-kawza HSBC Bank Malta p.l.c. ipprezentata *seduta stante* fit-3 ta’ Marzu 2009 a fol 511 tal-process.

“Rat ir-rikors tas-socjeta’ HSBC Bank p.l.c. datat 18 ta’ Awissu 2008 ghall-konnessjoni ta’ din il-kawza mal-kawza Citaz. Nru 830/2003, u wara li rat l-atti kollha relattivi, nkluz r-risposti tal-partijiet f’din il-kawza, cahdet it-talba b’digriet datat 11 ta’ Novembru 2008 (fol. 509).

“Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta’ Marzu 2009 fejn Dr. Aldo Vella u l-Professur Ian Refalo ghas-socjeta’ Paola Developments Limited, li kontra taghha l-kawza giet ceduta b’nota datata 5 ta’ Mejju 2008, talbu jirregolaw ruhhom fis-sens jekk kienux ser jitolbu li jintervjenu fil-kawza.

“Rat ir-rikors tas-socjeta` VICA Limited datata 17 ta’ Marzu 2009 a fol 520 tal-process fejn talbet li tintervjeni *in statu et terminis* fil-kawza fl-ismijiet premessi; ir-risposta ta’ Joseph Borg datata 14 ta’ April 2009, u d-digriet ta’ din il-Qorti fejn laqghet it-talba *in vista* ta’ dak kontenut fir-raba’ sas-seba’ paragrafu tar-rikors fejn gie ppruvat li l-istess socjeta` imsemmija ghandha interess sabiex tintervjeni fl-istess kawza *in statu et terminis* u ghalhekk awtorizzat li s-socjeta’ VICA Limtied tintervjeni fil-kawza *in statu et terminis,* kollox kif jidher fid-digriet tal-24 ta’ Marzu 2009 a fol. 539 tal-process.

“Rat id-decizjoni datata 4 ta’ Frar 1998 fl-ismijiet “Vica Limited Ltd vs Terry Ltd” (P.A (Citaz. Nru. 3370/96/LFS) fejn wara li s-socjeta’ konvenuta baqghet kontumaci, laqghet it-talbiet attrici hemm dedotti fis-sens li s-socjeta’ konvenuta fi zmien xahrejn taghmel dak kollu mehtieg u taghti l-garanziji opportuni sabiex il-Mandat ta’ Inibizzjoni fuq riferit (20 ta’ April 1989) jigi mnehhi u rrevokat u konsegwentement tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta tersaq ghall-kuntratt tat-trasferiment tal-proprjeta’ fuq deskritta formanti l-mertu tal-konvenju datat 23 ta’ Jannar 1995 bil-kundizzjonijiet, prezz u termini kollha kkontemplati fl-istess u liema kuntratt ghandu jigi ppubblikat f’dik id-data, hin u lok li jigi ffissat mill-Qorti wara rikors opportun (Dok. “V3” – fol. 531).

“Rat ir-rikors tas-socjeta` Paola Developments Company Limited datat 10 ta’ Marzu 2009 a fol 541 tal-process fejn talbet sabiex tintervjeni *in statu et terminis* f’dawn il-proceduri; u d-digriet datat 26 ta’ Marzu 2009 (fol. 548) fejn wara li rat l-atti kollha relattivi laqghet it-talba.

“Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet ta’ VICA Limited datata 14 ta’ Lulju 2009 a fol 552 tal-process.

“Rat in-nota responsiva ta’ Joseph Borg *proprio et nomine* ghan-nota ta’ osservazzjonijiet ta’ VICA Limited datata 27 ta’ Lulju 2009 a fol 562 A tal-process.

“Rat ir-risposta ta’ Joseph Borg u Marks & Charles Limited ghan-nota ta’ osservazzjonijiet ta’ Paola Developments Company Limited intavolata fit-30 ta’ Gunju 2009 datata 13 ta’ Ottubru 2009 a fol 564 tal-process.

“Rat in-nota tas-socjeta` Paola Developments Company Limited datata 20 ta’ Ottubru 2009 li permezz taghha pprezentat is-sottomissjonijiet taghha a fol 568 tal-process.

“Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fil-25 ta’ Marzu 2010 fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr. Edward Debono ghall-atturi, Joseph Borg prezenti, Dr. Aldo Vella ghas-socjeta` intervenuta fil-kawza Paola Developments, Dr. Sarah Grima ghas-socjeta` intervenuta VICA Ltd u Dr. Robert Mangion ghall-bank intervenut. Deher ukoll il-konvenut Joseph Pace mhux assistit. Id-difensuri trattaw il-kaz u qablu li l-kawza tista’ tmur ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-17 ta’ Gunju 2010.

“Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

“Rat ir-rikorsi kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

“Rat id-dokumenti esebiti.

“Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**“II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>**

“Illi din il-kawza titratta dwar talba sabiex jigi ddikjarat illi l-kuntratt ta’ trasferiment ta’ zewg porzjonijiet art maghrufa bhala “Ta’ Zilfa” u “Ta’ Beligna” tat-8 ta’ Dicembru 1981 (Dok. “A” a fol 17) kien sar kontra l-volonta` tal-attur *proprio et nomine* u b’vizzju ta’ kunsens tal-istess b’rizultat ta’ vjolenza, qerq u theddid u minghajr ma ghadda hlas fuq l-istess kuntratt. L-atturi qeghdin jitlobu wkoll lil din il-Qorti tillikwida d-danni sofferti u tikkundanna lis-socjeta` Terry Limited thallas l-istess. Inoltre l-atturi qeghdin jitlobu li s-socjeta` konvenuta Terry Limited tibqa’ inibita milli tbiegh, tassenja jew b’xi mod iehor titrasferixxi l-art jew xi drittijiet fuqha, sakemm thallas id-danni hekk likwidati.

“Illi min-naha taghhom, il-konvenuti ressqu serje ta’ eccezzjonijiet illi fil-fatt uhud minnhom gew diga` trattati u decizi minn din il-Qorti diversament presjeduta.

Fil-fatt permezz tas-sentenza tas-16 ta' Ottubru tal-1995, giet respinta l-eccezzjoni *in parte* sollevata mill-konvenuti rigwardanti l-karenza tal-interess guridiku (fol. 200 *et sequitur*). Permezz tat-tieni sentenza *in parte* tat-18 ta' Gunju 2004 (fol. 358 *et sequitur*), din il-Qorti diversament presjeduta mill-banda l-ohra laqghet l-ewwel zewg talbiet attrici fis-sens illi gie deciz li:-

> *""Tiddikjara li l-attur proprio et nomine kien gie sfurzat u kostrett bl-uzu ta' vjolenza li jaghti l-kunsens tieghu ghat-trasferiment tal-artijiet indikati fic-citazzjoni ghal fuq Terry Limited, u li sar b'kuntratt datat 8 ta' Dicembru 1981 fl-atti tan-Nutar Joseph Henry Saydon, kif ukoll ghall-iskrittura privata maghmula fl-istess data rigwardanti redenzjoni ta' cens; u li rizultat ta' dan, l-attur proprio et nomine sofra danni kif fuq indikat, ghal liema danni ghandha tirrispondi s-socjeta` Terry Limited; u tichad dawn it-talbiet fil-konfront tas-socjeta` Paola Developments Co. Ltd."*

"Illi din id-decizjoni giet ikkonfermata mill-Onorabbli Qorti tal-Appell permezz tas-sentenza taghha moghtija fis-6 ta' April 2006 (fol. 392 *et sequitur*) u dan ghaliex l-appelli hemm maghmula minn Dr. Peter Fenech bhala amministratur provizorju tas-socjeta' Terry Limited gie sfilzat peress li nstab li l-istess ma kienx gie nominat sabiex jagixxi bhala tali f'din il-kawza, u l-appell tat-terz mis-socjeta' HSBC Bank plc gie michud ghaliex gie ritenut li l-istess bank kellu nteress fl-ezitu ta' din il-kawza, izda mhux interess guridiku kif rikjest mil-ligi fil-kawzali ta' din ic-citazzjoni u senjatament dwar il-vizzju tal-kunsens tal-atturi allegat u vantat fil-kuntest tal-kuntratt tat-8 ta' Dicembru 1981, u b'hekk gie konsegwentement ordnat il-prosegwiment tal-kawza sabiex jigu decizi t-talbiet l-ohra attrici.

"Illi ghalhekk din il-Qorti ser tghaddi biex taghmel kunsiderazzjonjiet dwar it-tielet, ir-raba' u l-hames talbiet attrici kif ukoll dwar il-kontro-talba mressqa mis-socjeta` konvenuta Terry Limited.

"Illi permezz tat-tielet u r-raba' talba, l-attur *proprio et nomine* talab lil din il-Qorti tillikwida d-danni sofferti u tikkundanna lill konvenut Joseph Pace *nomine* jhallas dawk id-danni hekk likwidati.

"Illi d-dannu soffert mill-attur *proprio et nomine*, kif jiddikjara huwa stess fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu (a fol. 14), huwa l-izvalutar tal-ishma li huwa kellu fis-socjeta` Paola Developments Company Limited (PDCL), zvalutar illi

sehh wara li l-ishma gew svalutati b'konsegwenza tat-trasferiment illi kien sehh permezz tal-kuntratt tat-8 ta' Dicembru 1981. Illi fil-fatt jinghad mill-istess atturi li b'konsegwenza ta' dan huma kellhom ibieghu l-istess ishma fl-istess socjeta' PDCL ghall-valur baxx ta' Lm1,500 skont att datat 27 ta' Settembru 1986 lis-socjeta' Chevron Limited.

"Illi fil-fatt konferma tal-posizzjoni attrici hija dak kontenut fir-risposta tal-appell taghha datata 21 ta' Lulju 1994 (fol. 31 fil-process tal-appell) fejn inghad li d-danni li l-atturi sofrew kienu jikkonsistu fil-vantazzjoni li huma ma setghux jinkludu l-valur tal-istess artijiet fit-trasferiment tal-istess ishma bl-att imsemmi fis-27 ta' Settembru 1986. Tant huwa minnu dan, li l-istess atturi sostnew li qabel ma sar l-istess trasferiment tal-ishma, kien sar kuntratt ta' divizjoni bejn l-azzjonisti tas-socjeta' PDCL (kuntratt li qatt ma gie esebit mill-istess atturi) fejn gew maqsuma bejniethom l-artijiet in kwistjoni li kienu ghadhom parti mill-assi tas-socjeta' PDCL, izda din naturalment ma kinitx tinkludi l-artijiet trasferiti bil-kuntratt tat-8 ta' Dicembru 1981. Dan ifisser ukoll li meta l-atturi gew biex ittrasferew l-ishma tas-socjeta' PDCL huma ma hadux in konsiderazzjoni l-artijiet *de quo,* proprju ghaliex ma baqghux fil-poter tal-istess socjeta'.

"Illi dwar dan jinghad li fis-sentenza datata 16 ta' Ottubru 1995 din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph D. Camilleri kkonfermat li l-azzjoni saret sabiex jigi ddikjarat li l-kuntratt tat-8 ta' Dicembru 1981 kien vizzjat minhabba theddid, vjolenza, qerq, u kawza llecita, izda mhux qed tintalab ir-rexissjoni tal-kuntratt, izda danni peress li *"meta biegh l-ishma tieghu proprio et nomine f'Paola Developments Limited, dawn l-ishma kienu svalutati minhabba f'dak li sar bis-sahha tal-kuntratt u l-iskrittura quibus, u minhabba f'hekk huwa sofra telf".*

"Illi din is-sentenza hija bbazata fuq dak li kien irrelata l-perit legali dak iz-zmien Dr. (illum l-Onorevoli Mhallef Giannino Caruana Demajo) fejn inghad li l-kawza odjerna titratta mhux ghal talba ghar-rexissjoni tal-kuntratt tat-8 ta' Dicembru 1981 (li biha gew trasferiti l-artijiet imsemmija fic-citazzjoni attrici), izda ghad-danni li l-atturi sofrew meta gew biex ibieghu l-ishma taghhom kif inghad, ghaliex meta sar tali bejgh huma sofrew telf ghaliex tali trasferment sar minghajr ma gew kalkolati l-artijiet ta' Zilfa u ta' Beligna (fol. 178) li kienu gew mibjugha bl-imsemmi kuntratt ta' bejgh tal-istess artijiet, li huma jikkontendu li sar b'mod abusiv, li kawza tal-istess sofra danni.

"Illi l-istess jinghad fis-sentenza *in parte* tat-18 ta' Gunju 2004 moghtija minn din il-Qorti divsersament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri, li baqghet *in vigore* wara s-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell hekk kif inghad, fejn fl-istess decizjoni il-Qorti rriteniet illi d-danni sofferti mill-atturi ma kienux rizultat tal-bejgh tal-ishma, att li l-atturi dahlu ghalih b'mod volontarju (kontra dak allegat mill-atturi), izda sehhu minhabba *"d-diminuzzjoni sostanzjali tal-ishma tal-attur b'rizultat u b'konsegwenza diretta tal-atti delittuzi kommessi fuqu li kellhom il-konsegwenza li jgieghluh jiffirma l-kuntatt tat-8 ta Dicembru 1981 kontra l-volonta` tieghu"*. Il-Qorti tkompli illi:-

*""… it-trasferiment tal-ishma li sar fis-sena 1986 fis-socjeta` Paola Developments, bil-partrimonju diminwit, huwa rrilevanti, stante li l-attru sofra d-danni <u>mat-trasferiment tal-proprjeta` fil-kuntratt maghmul fis-sena 1981</u>."*

"Illi jidher ghalhekk illi d-dannu gie soffert fl-1981 u cioe` meta l-artijiet mertu tal-kawza gew trasferiti lil Terry Limited u ovvjament seta` jwassal biss sad-data tas-sena 1986, u cjoe' sad-data meta l-atturi baqghu azzjonisti tas-socjeta' PDCL, ghaliex wara dik id-data l-istess atturi ma baqghux azzjonisti fl-istess socjeta'. Qieghed jinghad dan kollu peress dan kollu huwa relevanti ghall-komputazzjoni ta' danni u peress ukoll illi huwa dibattut bejn il-partijiet liema huwa z-zmien rilevanti ghal din il-komputazzjoni.

"Illi fil-fatt l-atturi minn banda wahda qeghdin isostnu li l-likwidazzjoni tad-danni ghandha tkun abbinata mal-mument 'l iktar qrib possibbli ghall-pronunzja gudizzjali u jaghmel riferenza ghal sentenzi f'dan is-sens – **"Concetta Vella et vs Giuseppe Bugeja et"** (A.C. – 10 ta' Dicembru 1973) u **"Carmel Vella vs Victor Sammut et"** (P.A. – 18 ta' Frar 2004).

"Illi fuq dan il-binarju l-atturi, permezz tan-nota a fol 449 *et sequitur*ipprezentata fl-2006, jikkwantifikaw id-danni sofferti minnhom fis-somma ta' zewg miljuni, mitejn u sitta u sebghin elf u disgha mija u tnejn u sittin ewro (€2,276,962) ekwivalenti ghal disa' mija u sebgha u sebghin elf u hames mitt Lira Maltin (LM977,500) u cioe` nofs il-valur tal-artijiet "Ta' Zilfa" u "Ta' Beligna" (23 plot) mertu tal-kawza ikkalkulati bir-rata ta' mija u sebgha u disghin elf u disa' mija u sebgha u disghin ewro (€197,997) ekwivalenti ghal LM85,000 kull plot. L-atturi jidhru illi bbazaw dan l-ahhar kalkolu taghhom fuq l-istima tal-Perit Edgar Caruana Montalto (Dok. "PEC 1" a fol. 451) datata 27 ta' Novembru 2006. Jirreferu wkoll ghall-istima tal-Perit Rene' Buttigieg (Dok. "RB1" a fol 345 u 346) annessa man-nota ta' ammissjoni tal-konvenut *nomine* (a fol. 342 *et sequitur*)

fejn tliet snin qabel kienu vvalutaw l-artijiet fis-somma ta’ erba’ miljuni hames mija u tlieta u hamsin elf u disa’ mija u hamsa u ghoxrin ewro (€4,553,925) ekwivalenti ghal miljun, disa’ mija u hamsa u hamsin elf Lira Maltija (LM1,955,000).

“Illi mill-banda l-ohra, il-bank intervenut fil-kawza HSBC Bank Malta plc iwiegeb ghal dan l-argument billi jsostni li, gjaladarba din il-Qorti gja tat decizjoni dwar id-danni sofferti in kwantu rriteniet illi d-danni fil-fatt sehhew mhux mat-trasferiment tal-ishma izda mat-trasferiment tal-artijiet mertu tal-kawza, mela dak ghandu jkun iz-zmien rilevanti ghal-likwidazzjon ta’ danni u cioe` t-8 ta’ Dicembru 1981. Jirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet **“Av Dr. Kris Borg noe vs Air Malta Co Ltd”** (A.C. – 27 ta’ Gunju 2003) fejn l-Onorabbli Qorti tal-Appell sostniet illi r-rata tal-kambju ghall-finijiet ta’ likwidazzjoni ta’ danni kellha tkun dik taz-zmien li fih sehhew id-danni u mhux tad-data tas-sentenza. Ghalhekk din il-Qorti trid tara jekk fil-kaz li hemm danni x’jigu likwidati dawn ghandhomx jigu kkwantifikati fiz-zmien illi sehh id-dannu (fis-sena 1981) jew fid-data l-iktar vicina ghas-sentenza kif jidher illi qeghdin jippretendu l-atturi.

“Illi f’dan il-kuntest din il-Qorti thoss li jirrizulta anke mis-sentenzi citati li l-allegat dannu sehh bit-trasferiment tal-artijiet *de quo* fit-8 ta’ Dicembru 1981, u dan proprju ghaliex kif inghad fis-sentenza tas-16 ta’ Ottubru 1995, id-danni gew soffertti minhabba li bit-trasferiment imsemmi sehhet diminuzzjoni tal-ishma u fl-assi tal-kumpanija PDCL. L-attur stess jghid illi kieku l-art ma kinitx giet trasferita, l-ishma tieghu ma kienx ibieghhom biss ghal prezz ta’ LM1,500 lil Chevron Limited izda ghal hafna aktar. Ghalhekk id-danni allegatament sofferti mill-atturi ghandhom jigu *se mai* ikkunsidrati fil-kuntest li kif tali trasferiment kellu effett fuq il-valur tal-ishma fl-istess socjeta’, ishma li eventwalment gew trasferiti mill-atturi (u sa hemm jasal l-interess taghhom fil-kawza) fis-sena 1986.

“Illi ghalhekk din il-Qorti ma tistax timxi qatt fuq il-valuri migjuba mill-atturi relattivi ghal stimi (mhux konfermati bil-gurament) tal-valur tal-artijiet li saru fil-31 ta’ Lulju 2002 (Dok. “RB1” – fol. 345) fejn l-art giet stmata fl-ammont ta’ Lm920,000 (nofs il-valur allura jammonta ghas-somma ta’ Lm460,000), u dik datata 27 ta’ Novembru 2006 fejn l-art kollha giet stmata fil-valur ta’ Lm1,955,000 (nofs il-valur allura jammonta ghall-Lm977,500). Jidher car kif l-atturi kienu qed jitolbu ammonti ikbar ghall-istess art, art li kienu ilhom li ttrasferew minn 1981, u ghalhekk id-danni allegati bit-trasferiment tal-istess kien proprju naxxenti u marbut mal-istess trasferiment u l-iktar li jista’ jwassal huwa biss sad-data meta l-imsemmija atturi bieghu is-sehem taghhom fis-sena

1986, u xejn izjed, anke ghaliex l-att tat-trasferiment tal-istess ishma sar volontarjament mill-istess atturi, kif jinsab enfasizzat minn din il-Qorti bis-sentenza tat-18 ta’ Gunju 2004.

“Illi mhux hekk biss izda jidher li l-atturi anke qabel tali stimi kienu kkwotaw figuri differenti wkoll tant li l-istess sentenza appena citata rreferiet li att ta’ transazzjoni datat 3 ta’ Dicembru 1995 li l-attur ghamel ma’ Victor Balzan, l-azzjonista l-iehor fis-socjeta’ PDCL u dan fil-kwalita taghhom rispettivament hemm indikata, u sahanistra ma’ Piju Camilleri f’ismu proprju u ghas-socjetajiet hemm indikati, (li huwa l-persuna li l-attur indika bhala dik li ghamlet it-theddid u l-atti ta’ vjolenza fuqu), fejn dawn irrangaw *inter alia* l-pendenzi kollha ta’ bejniethom, u wkoll ma’ terzi, u dan anke referibilment ghall-artijiet *de quo*, u fejn hemm testwalment indikat li dwar l-istess *“Transferred to Pace nomine (Terry Limited) on 8/12/1981. Case to be instituted for* *__damages to Lm69,000”,__* u dan jikkonferma li l-allegati danni li jistghu ivantaw l-atturi f’din il-kawza, bbazata fuq atti li sehhew fin-1981, ma jistax jirreferu ghall-valur attwali tal-art *de quo* (in kwantu dan jista’ jkun relevanti ghat-talbiet fic-citazzjoni odjerna), izda ghal dawk ezistenti fl-1981 u dawn kif affettwaw il-valur tal-istess ishma fl-1986 meta l-atturi ttrasferew l-ishma taghhom fis-socjeta’ PDCL, u certament mhux dawk indikati fl-istimi minnhom ipprezentati fil-mori tal-kawza, li huma ghal kollox kontrastanti minn dak li l-atturi stess indikaw fl-imsemmija atti tat-3 ta’ Dicembru 1995 (nkluz Dok. “A” – fol, 97) u tal-iskrittura ta’ transazzjoni datata 18 ta’ Gunju 1985 (Dok. “G” – fol. 101) annessa mal-istess att, liema atti saret ghalihom riferenza fis-sentenza tat-18 ta’ Gunju 2004 (fol. 366).

“Illi f’dan il-kuntest allura din il-Qorti qed taqbel mas-sottomissjonijiet li ghamel il-Bank intervenut fil-kawza taht it-titolu “id-data meta sehhew l-allegati danni” fin-nota ta’ osservazzjonijiet relattiva tat-3 ta’ Marzu 2009 (fol. 511) u dan in kwantu l-istess huwa konsistenti ma’ dak premess u ghandu jkun iz-zmien rilevanti ghal-likwidazzjoni ta’ danni u cioe` t-8 ta’ Dicembru 1981.

“Illi f’dan il-kuntest saret riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **“Av. Dr. Kris Borg noe vs Air Malta Co Ltd”** (A.C. – 27 ta’ Gunju 2003) fejn l-Onorabbli Qorti tal-Appell sostniet illi r-rata tal-kambju ghall-finijiet ta’ likwidazzjoni ta’ danni kellha tkun dik taz-zmien li fiha sehhew id-danni u mhux tad-data tas-sentenza. Ghalhekk l-allegati danni ghandhom jigu kkwantifikati fiz-zmien illi sehh id-dannu u mhux fid-data vicina ghas-sentenza kif qeghdin jippretendu l-atturi.

"Illi fuq dan il-punt jinghad ukoll li fil-kamp ta' rizarciment tad-danni dan ghandu jkun limitat ghad-danni mmedjati u diretti tal-att dannuz. Jidher li l-ligi riedet tillimitta r-rizarciment ghat-telf subit u ghall-qliegh mankat li jirrizulta b'konsegwenza tal-fatt dannuz. Hi l-funzjoni ta' din il-Qorti illi taghti rizarciment li jikkorrispondi ghall-pregudizzju arrekat fejn il-qaghda tad-danneggjat tigi restawrata ghal qabel ma sehh il-fatt dannuz. Illi fis-sentenza fl-ismijiet Nicholas Depiro Inguanez **"D'Amico et vs Kummissarju tal-Artijiet et"** (A.C.) - 27 ta' Frar 2009), l-Onorabbli Qorti tal-Appell ikkonfermat li kellu jkun il-valur lokatizzju prevalenti fiz-zmien li ttiehdet l-art li kellu jkun rilevanti ghall-finijiet ta' rizarciment ta' danni. (Ara wkoll is-sentenzi fl-ismijiet **"Albert Mizzi et noe vs Carmen Spiteri et"** (P.A.) – 10 ta' Novembru 1999); **"Benjamin Camilleri noe vs Charles Debattista nomine"** (P.A.) - 16 ta' Jannar, 2003; u **"Paul Bellizzi vs Alfred Bartolo"** (A.C.) – 1 ta' Lulju 2005).

"Illi fil-kaz in ezami, kif qalet din il-Qorti fis-sentenza in parte, id-dannu sehh fil-mument illi giet trasferita l-art mertu ta' din il-kawza. Illi ghalhekk din il-Qorti jekk ghandha thares lejn il-valur tal-art *de quo* ma tistax ma tharisx lejn il-valur tal-art proprju fil-mument illi giet trasferita u biex taghmel dan trid tiehu in konsiderazzjoni kull fattur illi huwa marbut mal-istess art u partikolarment in-natura tal-art fil-mument tat-trasferiment. Qieghed jinghad dan anke fid-dawl tal-provi mressqa li jidher car illi l-art mertu tal-kawza giet trasferita proprju sabiex l-art illi baqghet appartenenti lis-socjeta` PDCL tigi mghotija b'permessi ghall-izvilupp b'mod abusiv.

"Illi tenut kont illi sal-mument tat-trasferiment tal-art, l-art mertu tal-kawza kienet biss wahda agrikola, jekk din il-Qorti kellha tikkunsidra t-tezi tal-atturi li z-zmien rilevanti kellu jkun dak 'l iktar qrib ghas-sentenza, din il-Qorti ma tistax ma tikkunsidrax illi din l-art illum hija mghotija bil-permessi ghall-izvilupp proprju b'rizultat ta' atti ta' korruzzjoni li l-atturi qed jibbazaw il-kawza taghhom fuqhom. Ghalhekk l-atturi ma jistghux f'nifs wiehed isostnu talba ghad-danni u jivvalutaw l-art bhala wahda fabbrikabbli meta huma stess jammettu li l-permessi fuq l-istess art inghataw b'rizultat ta' atti ta' korruzzjoni. Kien proprju biss b'rizultat ta' dan illi l-valur tal-art mertu tal-kawza zdied sostanzjalment u ghalhekk ma jistghux l-atturi jisfruttaw att illegali ghall-iskopijiet u ghall-beneficcju personali taghhom u sabiex jigu rizarciti ghal dak illi gie akkwistat improprjament.

"Illi ghalhekk anke jekk ghal grazzja tal-argument din il-Qorti kellha taccetta t-tezi illi z-zmien rilevanti ghall-komputazzjoni ta' danni ghandu jkun dak l- iktar qrib ghas-sentenza, xorta u *in ogni* kaz ma tistax din il-Qorti taghti rizarciment ghal telf ta' art fabbrikabbli izda biss ghal telf ta' wahda agrikola.

“Illi dan l-argument gie fil-fatt imressaq mill-bank intervenut li jsostni sahansitra illi l-attur ma sofra ebda dannu jew sofra dannu minimu peress illi meta l-art giet trasferita kienet biss wahda agrikola u kien biss b’rizultat ta’ korruzzjoni illi l-art li kienet u baqghet tas-socjeta` Paola Developments Limited saret wahda fabbrikabbli ta’ valur notevoli. Kif qalet din il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **“Kummissarju Elettorali Principali vs Godwin Zammit”** (P.A.) – 23 ta’ Ottubru 2001):-

*““Il-ligi gustament trid li l-persuna danneggjata, tigi rizarcita; cioe' titpogga f'sitwazzjoni mhix aghar… milli kienet qabel l-infortunju. Il-ligi trid li l-hsara tigi rizarcita, mhux li l-infortunat jaghmel investiment mid-disgrazzja li gratlu.”*

“Illi issa anke dan kollu jista’ jkun relevanti biss wara u jekk jigu meghluba il-varji argumenti migjuba mill-intervenuti fil-kawza fil-kuntest tat-talbiet attrici llum suggetti ghal din id-decizjoni, *inter alia* l-argument iehor illi ressaq il-bank intervenut HSBC dwar l-allegata nuqqas ta’ prova li kellha ssir f’din il-kawza dwar il-*quantum* ta’ danni sofferti. F’dan il-kuntest is-sottomissjoni hija li l-art *de quo* kienet appartenenti lis-socjeta` PDCL u mhux lill-atturi. Ghalkemm din il-Qorti tifhem dan l-argument, u forsi anke iktar minn hekk, jirrizulta bis-sentenzi gja moghtija f’din il-kawza, li dak li gie kkunsidrat bhala essenzjali ghal din l-azzjoni attrici kif impostata huwa li l-attur kellu hamsin fil-mija tal-ishma fis-socjeta` PDCL (personalment kellu mitt (100) sehem u f’isem il-kumpanija attrici kellu mitejn (200) sehem) meta sar it-trasferiment tal-artijiet in kwistjoni, u ghalhekk inghad li d-danni attwalment sofferti kienu fl-ahharnett mill-azzjonisti ta’ dak iz-zmien. Din il-Qorti thoss li f’dan l-istadju hija ma tistax ma ssegwix dawn is-sentenzi.

“Illi fil-kuntest ta’ likwidazzjoni ta’ danni allegatament sofferti mill-atturi l-istess bank intervenut isostni li sabiex din il-Qorti tasal ghall-komputazzjoni korretta tal-allegati danni subiti, l-atturi kellhom iressqu prova dwar il-valur tal-ishma qabel u wara li sehh it-trasferiment u cioe` qabel u wara t-8 ta’ Dicembru 1981, prova li ma tressqitx. L-argument tal-bank intervenut huwa illi fil-fatt l-attur bhala azzjonist tal-kumpanija ma jistax jibbenefika direttament fil-valur tal-assi tal-kumpanija minghajr ma jigi kkunsidrat ukoll il-passiv tal-istess kumpanija fiz-zmien tat-trasferiment tal-artijiet mertu tal-kawza.

“Illi din il-Qorti fil-fatt taqbel ma’ dan ir-ragunament anke fid-dawl ta’ dak illi qalet din il-Qorti stess fis-sentenza taghha ta’ 18 ta’ Gunju 2004. Dan il-ghaliex l-art *de quo* mertu tal-kawza odjerna kienet proprjeta` ta` PDCL, kif jixhed l-attur

stess in kontro-ezami (fol. 148) u kif ritenut minn din il-Qorti stess fis-sentenza *in parte* tas-16 ta' Ottubru 1995, kienet fil-fatt is-socjeta` PDCL li subiet l-ingustizzja tat-theddid fil-konfront tal-attur u d-diminuzzjoni tal-ishma kien proprju b'konsegwenza tad-diminuzzjoni fl-assi tal-kumpanija. L-attur stess jghid illi kieku l-art ma kinitx giet trasferita, l-ishma tieghu ma kienx ibieghhom biss ghal prezz ta' LM1,500 lil Chevron Limited izda ghal hafna aktar. Ghalhekk il-prova rilevanti kellha tkun prova dwar l-izvalutar tal-ishma wara t-trasferiment tal-istess art, u li allura effettwa l-valur li bih l-istess ishma gew in effetti trasferiti mill-atturi volontarjament b'att tas-27 ta' Settembru 1986.

"Illi mill-atti processwali attwali, anke jekk dawn huma voluminuzi, ma jidhirx illi l-atturi qatt ressqu prova f'dan is-sens. Ma tressqet l-ebda prova dwar l-izvalutar tal-ishma. Jidher li wara tali trasferimenti l-istess socjeta' baqghet topera, u anke sar bejn l-azzjonisti kuntratt ta' divizjoni ta' artijiet ohra li l-istess socjeta' kellha, u dan kif jirrizulta mill-atti pprezentati mill-atturi stess (u fuq riferti), liema atti lanqas biss gew prezentati, kif lanqas gew prezentati l-artijiet li l-istess socjeta' kellha u li hija ttrasferiet, wara l-imsemmija trasferiment, u ma gie prodott xejn dwar il-valur tal-istess ishma tal-istess socjeta' PDCL, kemm qabel, fil-hin u wara it-trasferiment tal-artijiet *de quo*, almenu sad-data meta l-atturi ddisponew mill-istess ishma lis-socjeta' Chevron Limited fis-27 ta' Settembru 1986, data sa meta l-interess tal-atturi f'din il-kawza jista' jestendi. Minflok jidher li l-atturi strahu biss fl-ahhar ipotesi fuq l-istima dwar l-art hawn tal-Perit Edgar Caruana Montalto (Dok. "PEC 1" a fol. 451) datata 27 ta' Novembru 2006, wara li warrbu l-istima tal-Perit Rene' Buttigieg tas-sena 2002, u d-dikjarazzjoni tal-attur stess fl-att ta' transazzjoni tat-3 ta' Dicembru 1995 fejn saret referenza ghas-somma ta' Lm69,000 (fol. 366 – sentenza 18 ta' Gunju 2004).

"Illi f'dan il-kuntest din il-Qorti thoss li l-prova li kellha ssir kienet dik ta' kif tali trasferiment tal-artijiet fil-kuntratt tat-8 ta' Dicembru 1981 effettwa l-valur tal-ishma tal-atturi fis-socjeta' PDCL f'dak iz-zmien, tant li skont l-attur huwa biegh l-istess ishma bi prezz indikat bl-att tas-27 ta' Settembru 1986, u dan jekwivali ghal kemm kellu jkun il-valur tal-istess ishma f'dak iz-zmien kieku s-socjeta' PDCL zammet fil-poter taghha l-istess artijiet, li ghandu jwassal ghad-differenza fil-prezz tal-istess ishma minn dak indikat fl-imsemmi att ta' Settembru 1986, tenut kont li l-atturi qed jallegaw li kienu fil-fatt jigbru dak in-nhar prezz ikbar minn dak hemm indikat.

"Illi l-Qorti hawn tirreferi ghad-disposizzjonijiet tal-**artikolu 559 tal-Kap. 12** li jipprovdi illi l-Qorti ghandha tordna illi tingieb quddiemha l-ahjar prova (ara f'dan

is-sens **“Emilio Agius et vs Carmen Bonello”** (A.C. – 26 ta’ Gunju 2009). Applikat dan il-principju ghall-kaz in ezami, jinghad illi minkejja illi l-istimi tal-art li gewipprezentati mill-atturi jistghu ikunu relevanti ghall-allegat telf soffert minnhom, il-prova li riedu jaghmlu l-atturi kienet fil-fatt ohra, u cjoe’ il-prova tal-allegat zvalutar tal-ishma taghhom fl-istess socjeta’ b’konsegwenza tat-trasferiment tal-artijiet *de quo* fis-sena 1981. Fil-fatt jinghad li prova tal-valur tal-ishma qabel u wara t-trasferiment hija fundamentali sabiex jigu ppruvati l-pretensjonijiet attrici fit-talbiet hawn ikkunsidrati, izda din ma saritx u ghalhekk ma hemm ebda alternattiva hlief li jinghad li l-atturi naqsu li jaghmlu prova tad-danni minnhom allegatament sofferti.

“Illi din il-Qorti ma tistax lanqas tasal ghall-komputazzjoni ta’ danni fin-nuqqas ta’ tali prova, prova illi kienet tinkombi fuq l-istess atturi **(artikolu 562 tal-Kap. 12)** (ara f’dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet **“Av. Dr. Tonio Azzopardi vs Olaf A. Cini”** (P.A. – 15 ta’ Ottubru 2003) fejn il-Qorti rriteniet illi:-

> *““F’materja ta’ danni emergenti ftit hemm lok ghal diskrezzjoni arbitrio boni, stante li dawn id-danni minn natura taghhom ghandhom jirrizultaw b’ mod konkret u car mill-provi mressqa mill-attur li ghandu l-oneru tal-prova b’applikazzjoni tal-principju fundamentali f’materja ta’ prova li min jallega ghandu jipprova: onus probandi incumbit ei quid dicit non ei qui negat u quod gratis asseritur gratis negatur.*

> *“In propositu ghall-komputazzjoni tad-danni l-Qorti tirrileva li huwa d-dover taghha li thares kemm l-interessi tad-danneggjat kif ukoll dawk tad-danneggjant u tasal ghall-ammont li jirrapprezenta bilanc ekwu u gust bejn iz-zewg interessi; izda, l-ammont ghandu dejjem ikun bazat fuq provi konkreti u cari li juru b’ mod dettaljat u sodisfacenti d-damnum emergens konsistenti telf finanzjarju attwalment soffert mid-danneggjat rizultat tal-agir illegali tad-danneggjant li minn naha tieghu ghandu d-dritt jkun jaf fuq liema kriterji finanzjarji hija bbazata s-somma li ser ikun obbligat ihallas.”*

“Illi minkejja li din il-Qorti permezz tas-sentenza tas-16 ta’ Ottubru 2004 sabet responsabbilta` ghad-danni minn Terry Limited versu l-attur anke in vista tal-ammissjoni tal-istess socjeta’ Terry Limited, din il-Qorti thoss li tali allegati danni effettivament ma gewx ippruvati mill-atturi, u dan ghaliex il-prova li kellha ssir ma kienitx dik tal-valur attwali tal-artijiet trasferiti bil-kuntratt tat-8 ta’ Dicembru 1981, li qatt ma kienet relevanti fil-kawza odjerna, u ghalhekk ghar-ragunijiet hawn moghtija t-tielet u r-raba’ talba attrici qed jigu michuda.

"Illi ghall-kompletezza din il-Qorti tirreferi wkoll ghas-sottomissjoni principali mressqa mis-socjeta` intervenuta fil-kawza Vica Limited (nota ta' osservazzjonijiet a fol 552 *et sequitur*) li tirrigwarda ftehim ta' transazzjoni datat 17 ta' Gunju 1985 bejn l-attur personalment kif ukoll f'isem numru ta' kumpaniji fosthom is-socjeta` attrici Marks and Charles Limited, Pio Camilleri personalment u kemm in rapprezentanza ta' numru ta' kumpaniji ohra u Victor Balzan ukoll personalment kif ukoll in rapprezentanza ta' numru ta' kumpaniji ohra fosthom PDCL (Dok. "G" a fol. 101 *et sequitur*). Sussegwentement dan il-ftehim gie nkorporat fil-ftehim tat-3 ta' Dicembru 1985 fl-atti tan-Nutar Victor Bisazza (Dok. "X" a fol. 83 *et sequitur).* L-argument tas-socjeta` Vica Limited huwa illi permezz ta' dan il-ftehim il-partijiet iddikjaraw u obbligaw rwiehhom li huma kellhom jillikwidaw u jittransigu definitivament kull kawza, dritt jew pretensjoni li huma seta' kellhom fil-konfront ta' xulxin jew xi wiehed minnhom jew fil-konfront ta' terzi dwar il-proprjeta` immobbiljari, socjetajiet u dak kollu li ssemma f'dak l-istess ftehim. Il-partijiet qablu u ftiehmu illi wara li jsehh jigu hekk likwidati u transatti, huma jiddikjaraw ruhhom ghal kollox sodisfatti fil-konfront ta' xulxin u ta' terzi. Ghalhekk is-socjeta` Vica Limited targumenta li wara dan kollu l-attur ma jistax issa jippretendi hlas ta' danni ghal mod kif gew trasferiti l-artijiet mertu ta' din il-kawza. L-istess socjeta` tirreferi ghas-sentenza **"Reverendu George Schembri vs Igor Moscalenko" (**P.A.- 9 ta' Gunju 2004) fejn il-Qorti rriteniet illi jekk il-transazzjoni ssehh skont il-formalita` rikjesta fl-**artikolu 1233 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta**, din ghandha l-effett ta' sentenza li tghaddi f'gudikat u ghalhekk transazzjoni hija parifikata ghal sentenza (**artikolu 1729 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta**).

"Illi fil-fatt l-atturi ma jattakkawx, almenu f'din il-kawza, s-sahha ta' transazzjoni maghmula bil-formalita` rikjesta mil-ligi (haga li jidher li qed jaghmlu bil-kawza fl-ismijiet "Joseph Borg proprio et nomine vs Piju Camilleri" (Citaz. Nru. 1172/90/JZM). Pero` da parti taghhom, jirribattu billi jsostnu illi s-socjeta` konvenuta Terry Limited fil-fatt ma kinitx parti fil-kuntratt tat-3 ta' Dicembru 1985 u ghalhekk dan il-ftehim ma jghoddx ghar-responsabbilita` ta' danni ta' din is-socjeta` versu l-attur.

"Illi fid-dawl tal-argumenti mressqa quddiemha din il-Qorti fl-ewwel lok tirreferi ghall-massima *res inter alios acta* u l-**artikolu 1001 tal-Kap. 16** li jipprovdi car li l-kuntratti ghandhom effett bejn il-partijiet li jikkuntrattaw biss, u ma jistghux ikunu ta' hsara jew ta' gid ghal haddiehor, hlief fil-kazijiet li tghid il-ligi. Izda l-**artikolu 1000 tal-Kap. 16** jipprovdi wkoll illi:-

*““Wiehed jista’ wkoll jikkuntratta ghall-vantagg ta’ terza persuna, meta dan ikun il-mod jew il-kondizzjoni ta’ patt li jaghmel ghalih innifsu, jew ta’ donazzjoni jew ta’ koncessjoni maghmula minnu lil haddiehor; u l-persuna li taghmel dan il-patt ma tistax thassru jekk dik it-terza persuna tkun iddikjarat li trid tinqeda bih.”*

“Illi huwa risaput illi fil-fatt minkejja l-principju *res inter alios acta*, zewg partijiet jistghu jikkuntrattaw favur terzi (ara f’dan is-sens **“Maria Gulia Millard vs George Said et noe”** (A.C.) – 14 ta’ Settembru 1988); **“Karmenu Mifsud vs Mariano D’Amato”** (A.C.) – 15 ta’ Novembru 2006) u **“William Portelli et vs Joseph Portelli”** (Qorti tal-Magistrati) (Ghawdex) – 3 ta’ Lulju 2009); **“Grace Difesa proprio et nomine vs HSBC Life Assurance (Malta) Ltd”** – P.A. (TM) – 9 ta’ Dicembru 2003)

“Illi fil-kaz in ezami, jidher car illi s-socjeta` Terry Limited fil-fatt ma kinitx parti mill-ftehim tas-17 ta’ Gunju 1985 jew dak tat-3 ta’ Dicembru 1985 u dan kif korrettement jargumentaw l-atturi. Biss pero` jidher car mill-ftehim innifsu illi l-intenzjoni tal-partijiet fil-ftehim kienet illi l-attur jittransigi kull vertenza li seta’ kellu kemm ma’ Pio Camilleri u Victor Balzan, kemm personalment u kemm fil-kwalita’ taghhom premessa, kif ukoll ma’ terzi u fil-kaz in ezami t-terz kienet is-socjeta` Terry Limited.

“Illi fil-fatt fl-iskrittura privata datata 17 ta’ Gunju 1985 jinghad li:-

*““Il-partijiet jiddikjaraw u jobbligaw ruhhom li permezz ta’ dan il-ftehim huma jridu jillikwidaw u jittransigu definittivament kull kawza, dritt jew pretensjoni li huma jista’ jkollhom fil-konfront ta’ xulxin jew xi wiehed minnhom jew fil-konfront ta’ terzi dwar il-proprjeta’ mmobiljari, socjetajiet u dak hawn imsemmi fid-data tal-iffirmar ta’ dan il-konvenju u li wara li sehh dak li jinsab stipulat f’dan il-ftehim huma jiddikjaraw ruhhom ghal kollox sodisfatti fil-konfront ta’ xulxin u ta’ terzi kif fuq inghad u mill-posizzjoni patrimonjali u azzjonarja attwali anke kif jidher mid-dokumenti u mill-kuntratti relattivi huma jobbligaw ruhhom li jirratifikaw jekk u meta jinhtieg dawn id-dokumenti u kuntratti”.*

“Illi l-istess partijiet iddikjaraw li:-

*““…il-partijiet jaqblu li s-segwenti ghandha tkun il-posizzjoni finali fir-relazzjoni ta’ bejniethom……Il-komparenti Joseph Borg u Pio Camilleri in vista ta’ dan il-ftehim*

*jiddikjaraw li qeghdin jirtiraw kull allegazzjoni ta' kwalsijasi natura li huma setghu ghamlu fil-konfront ta' xulxin fi kwalunkwe zmien u fi kwalunkwe procedura…Ghal kull buon fini, u in vista ta' din it-transazzjoni il-partijiet jirratifikaw b'kollox u ghal kollox il-kuntratti minnhom rispettivament iffirmati sal-lum u jiddikjaraw ruhhom ghal kollox sodisfatti mill-kontenut tal-istess kuntratti u minn kwalunkwe benefikat jew dhul li kellhom jiehdu fuq l-istess kuntratti…".*

"Illi din it-transazzjoni giet inkorporata fl-att pubbliku datat 3 ta' Dicembru 1985 fejn fl-istess kuntratt saret riferenza specifika proprju ghall-artijiet mertu tal-kawza odjerna trasferiti bil-kuntratt mertu tal-kawza odjerna datat 8 ta' Dicembru 1981 mis-socjeta' PDCL lis-socjeta' Terry Limited, u fil-fatt dan sar b'riferenza ghal Dok. "A" li jirreferi ghall-*"outstanding issues with Victor Balzan"* fejn fit-tielet *item* hemm proprio l-art *de quo*, deskritta bhala *"Lands "Ta Zilfa' , "ta' Beligna" – Fgura subject inter alia of judicial letter dated 25 ta' Novembru 1983. Transferred to Joe Pace nomine 8/12/81. Case to be instituted for damages to Lm69,000".*

"Illi fl-istess kuntratt pubbliku jinghad li l-partijiet waslu fi ftehim ta' transazzjoni fuq l-imsemmija vertenzi u kawzi u proceduri ohra kollha *"(u cjoe' inkluz l-artijiet Ta' Zilfa u Ta' Beligna inkorporati fil-lista annessa mal-kuntratt) permezz ta' skrittura datata sbatax (17) ta' Gunju tas-sena elf disa' mija u hamsa u tmenin (1985) li giet inkorporata fi Ftehim Preliminari ghat-trasferiment tal-proprjeta' mmobiljari hawn taht deskritta li jgib l-istess data tas- sbatax (17) ta' Gunju tas-sena elf disa' mija u hamsa u tmenin (1985), liema skrittura qed tigi sfilzata mill-istess Ftehim Preliminari u qieghda tigi hawn annessa ma dan l-att ghar-registrazzjoni markata Dokument bl-ittra "G" salv ghal dak li jidher fil-lista li qieghda tigi hawn annessa markata Dokument bl-ittra "C", dwar xi pretensjonijiet tal-komparenti Joseph Borg li mhux qeghdin jigu transatti, u ghalhekk il-komparenti Joseph Borg qieghed izomm ferm riserva ghalihom".* Illi jinghad li mid-Dok. "C" tali riserva ma tikkoncernax l-artijiet imsemmija fil-kawza odjerna.

"Illi fl-ahharnett fl-istess kuntratt tat-3 ta' Dicembru 1985 il-partijiet obbligaw ruhhom illi jadempixxu l-obbligi kollha milhuqa fl-iskrittura tas-17 ta' Gunju 1985 …..u komplew li *"jirratifikaw l-obbligi kollha minnhom assunti fl-istess dokument u jintrabtu bih bhal parti integrali minn dan il-kuntratt sa fejn dan il-ftehim huwa applikabbli u mhux inkompatibbli mal-kuntratt".*

"Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti b'dawn l-atti l-partijiet kontraenti holqu obbligazzjoni favur it-terz hemm indikat li ghall-fini ta' din il-kawza hija proprju s-socjeta' Terry Limited. L-intenzjoni tal-partijiet u tal-atturi tohrog cara anke mid-dokumenti annessi ma' dan l-istess ftehim fejn gew elenkati l-vertenzi illi kellhom jintlaqtu b'dan l-istess ftehim u dan kif hawn indikat anke f'din is-sentenza. Fost dawn kienu msemmija kemm il-kwistjoni dwar l-art "Ta' Wilga" kif ukoll tal-art "Ta' Beligna" u saret riferenza partikori ghall-kuntratt mertu tal-kawza odjerna mas-socjeta' konvenuta Terry Limited, u wkoll ghal din il-kawza, li kien ghad dak iz-zmien lanqas biss giet intavolata, u fejn l-atturi qalu li kienu qed ivantaw pretensjoni ta' danni fl-ammont ta' Lm69,000.

"Illi dan il-ftehim jorbot lill-atturi anke fil-konfront tas-socjeta' Terry Limited ghaliex jikkonkorru l-elementi ndikati fl-**artikolu 1001 tal-Kap. 16** fis-sens li l-atturi kkuntrattaw ghall-vantagg ta' terza persuna, u dan kien il-mod jew il-kundizzjoni ta' patt li ghamlu ghalihom infushom kif indikat fl-istess att ta' transazzjoni maghmula mal-komparenti l-ohra fl-istess kuntratt , u mhux hekk biss, izda jirrizulta li effettivamwent il-partijiet kontraenti taw effett u esegwew l-istess ftehim ta' transazzjoni u agixxew fuqu tant li l-attur Joseph Borg iddispona mill-artijiet li gew trasferiti lilu bil-kuntratt imsemmi, u b'hekk ha beneficcju shih mill-imsemmi att, b'tali mod u manjiera li ma jistghux illum ma jsostnux l-esegwibilita' tal-istess att, li huma stess taw esekuzzjoni tieghu.

"Illi jinghad li dan huwa relevanti fil-kuntest li l-imsemmi kuntratt l-atturi in sodisfazzjoni tal-vertenzi li kellhom ma' Pio Camilleri u Victor Balzan hadu diversi artijiet favur taghhom, artijiet li llum iddisponew minnhom, u allura bl-agir taghhom hadu l-vantagg kollu mill-istess, u ma jistax ghalhekk illum, wara dan iz-zmien kollu, u wara li l-istess atturi nnegozjaw l-artijiet lilhom hekk trasferiti, jikkontendu li partijiet tal-istess transazzjoni, u senjatament fejn huma rrinunzjaw ghal kull dritt ta' azzjoni li seta` kellhom, inkluz dik ta' danni konsegwenti ghat-trasferiment tal-artijiet mertu tal-kuntratt tat-8 ta' Dicembru 1981 favur is-socjeta' konvenuta Terry Limited, jikkontendu li dik il-parti li tirreferi ghall-imsemmi terz, ma hijiex iktar veljanti ghaliex it-terz ma kienx parti mill-ftehim, u dan anke in vista tal-principju li tali kondizzjoni kienet parti essenzjali mill-istess ftehim, anke in vista ta' dak pattwit mal-kontraenti fl-istess att ta' transazzjoni, li kien ukoll jirreferi ghall-istess art, u ghat-trasferiment tal-istess u kull konsegwenza naxxenti mill-istess. Illi fid-dawl ta' dan, il-Qorti ma tistax ma tosservax li jekk l-atturi kellhom jigu rizarciti permezz ta' din is-sentenza, jkunu qeghdin jigu rizarciti doppjament meta huma *ai termini* tal-istess ftehim diga` gew sodisfatti u hekk fil-fatt iddikjaraw.

"Illi jinghad ukoll li dan il-Qorti qed tghidu kemm in vista tal-fatt li t-termini tal-iskrittura ta' transazzjoni imsemmija hija ben cara fis-sens li l-atturi cedew u rrinunzjaw ghall kull pretensjoni li kellhom fuq il-kuntratt tat-8 ta' Dicembru 1981 kemm mal-kontraenti u kemm mat-terz, u f'dan il-kuntest mill-brani fuq citati lanqas biss hemm lok ta' interpretazzjoni, u anke fid-dawl tal-fatt li l-istess atturi baqghu sallum marbutin bl-istess att ta' transazzjoni, u fuq kollox is-socjeta' konvenuta fin-nota ta' eccezzjonijiet taghha datata 12 ta' Gunju 1989 iddikjarat b'mod skjett u palez li trid tiehu vantagg mill-istess obbligazzjoni assunta mill-atturi fil-konfront taghha bl-att pubblikat minn Nutar Victor John Bisazza datat 3 ta' Dicembru 1985, b'dan li l-elementi rikjesti kollha tal-artikolu 1001 gew ghal kollox sodisfatti ghaliex it-terz (u cjoe' is-socjeta' konvenuta Terry Limited) iddikjarat li b'mod mill-iktar esplicitu li trid tiehu vantagg mill-istess, u ghalhekk l-atturi ma setghux, almenu minn din il-mument jirtiraw mill-obbligazzjoni minnhom assunti *verso* l-istess socjeta' Terry Limited.

"Illi fil-fatt it-tielet eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta Terry Limited datata 12 ta' Gunju 1989 (fol. 76) tghid li:-

*""Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet it-talbiet attrici ma jistghux jigu akkolti peress li l-allegat vizzju ta' kunsens sar fit-8 ta' Dicembru 1981 u l-istess attur irrinunzja ghal kwalunkwe pretensjoni tieghu fir-rigward bil-kuntratt ta' transazzjoni ppublikat minn Nutar Victor John Bisazza tat-3 ta' Dicembru 1985".*

"Illi fid-dawl ta' dan din il-Qorti ma tistax tikkonsidra li l-ammissjoni tas-socjeta' konvenuta Terry Limited permezz ta' nota datata 17 ta' Ottubru 2003, u cjoe' wara 14 il-sena meta saret l-istess nota ta' eccezzjonijiet, tista' b'xi mod twaqqa' dak li l-istess socjeta' konvenuta ghamlet f'din il-kawza u permezz ta' att gudizzjarju hekk serju bhal nota ta' eccezzjonijiet, u dan ghaliex jekk huwa principju stabbilit li l-kuntratti ghandhom jigu esegwiti in *buona fede*, hekk ukoll il-proceduri gudizzjarji, u l-atti relattivi ghandhom ikunu pprezentati minimament bl-animo ta' *buona fede*, u mhux sabiex jabbuzaw mill-proceduri gudizzjarji. Dan iktar u iktar meta jirrizulta li llum, kif ammess fl-ittra tal-attur datata 18 ta' Novembru 2005 (Dok. "X" – fol. 543) bejn l-atturi u s-socjeta' konvenuta Terry Limited hemm ftehim bonarju, li ma giex muri lil din il-Qorti, u jirrizulta li b'effett tal-posizzjoni li hadu l-atturi u s-socjeta' konvenuta llum, jigu pregudikati diversi drittijiet ta' terzi, fosthom dawk naxxenti minn diversi sentenzi ta' dawn il-Qrati mhux l-inqas dik fl-ismijiet **"Vica Limited vs Terry Limited"** moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-8 ta' Frar 1998 (fejn is-socjeta' Terry Limited baqghet kontumaci), u fis-sentenzi fl-ismijiet **"HSBC Bank plc vs STG Limited**

**et"** (P.A. (GCD) – 5 ta' Dicembru 2003 – Citaz. Nru. 2572/97/GCD u Citaz. Nru. 2455/97/GCD). Dan qed jinghad ukoll fil-kuntest tal-atti maghmula permezz ta' qerq u ngann, fejn l-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tas-6 ta' April 2006 sostniet li *"l-ligi ma taghti ebda kenn lil min jopera permezz ta' qerq u ingann",* u l-Qorti thoss, wara li rat l-atti kollha tal-kawza b'mod mill-iktar dettaljat, kif jindikaw ukoll il-premessi kollha kontenuti f'din is-sentenza, anke qabel ma hija tat il-konsiderazzjonijiet taghha, li tali att ta' ammissjoni fid-dawl tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u mhux l-inqas fid-dawl tal-komportament ta' Joseph Pace f'din il-kawza, u f'kawzi ohra, u fl-atti kollha li huwa kien involut fihom inkluz rigwardanti l-istess art, iwasslu lil din il-Qorti sabiex tikkonkludi li dan kien att abusiv u abbuz serju tal-procedura quddiem din il-Qorti. L-istess japplika dwar sehem l-atturi fejn jidher li hemm kolluzzjoni mas-socjeta' konvenuta f'din il-kawza u dan qed jinghad rigwardanti l-ftehim bonarju li jidher li l-atturi ammettew li ghandhom mas-socjeta' konvenuta, li wassal sabiex ikun hemm ammissjoni tas-socjeta' konvenuta f'din il-kawza, wara li tali kawza tant kienet kombattuta ghal diversi snin. Din l-istess konsiderazzjoni tapplika dwar l-ammissjoni tas-socjeta' konvenuta, tapplika in kwantu din tirreferi ghat-talbiet ta' likwidazzjonijiet ta' danni, u ghalhekk din il-Qorti ma qaghditx fuqha u ddecidiet bil-mod hawn ikkunsidrat.

"Illi f'dan il-kuntest il-kompartament ta' Joseph Pace huwa iktar serju meta din il-Qorti tikkonsidra dak li sostniet din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza fl-ismijiet **"Vica Limited vs Terry Limited"** (Citaz. Numru 1013/2002) fid-digriet taghha datat 15 ta' Dicembru 2003 fejn gie nominat Dr. Peter Fenech bhala amministratur provizorju tas-socjeta' Terry Limited u dan in vista tal-komportament ta' Joseph Pace, u f'dan il-kuntest u b'riferenza ghal dak indikat bhala *"pretensjonijiet gudizzjarji avvanzati kontra s-socjeta' intimata"* jaghmel il-komportament ta' Joseph Pace f'din il-kawza, inkluz bl-ammissjoni tieghu tas-17 ta' Ottubru 2003 iktar serja u abusiva.

"Illi dan huwa llum imsahhah mill-fatt li permezz ta' sentenza datata 14 ta' Mejju 2010 fl-istess kawza fl-ismijiet **"Vica Limited vs Terry Limited"** (1013/2010) fejn gie milqugh l-appell tas-socjetajiet HSBC Bank plc u Vica Limited fejn l-istess socjeta' giet misjuba li ma kinitx kapaci thallas d-dejn taghha, hija wkoll ghandha l-assi taghha ipotekati mal-istess Bank u b'sentenza tal-Qorti hija giet ikkundanata sabiex taddivjeni ghall-kuntratt finali ma' Vica Limited, u dan wassal lill-Onorabbli Qorti tal-Appell sabiex tiddikjara bl-iktar mod skjett li Joseph Pace ma kienx qed jiggestixxi l-kumpanija tajjeb, *"anzi kien qed ihawwad kemm jiflah jekk mhux ukoll iqarraq"* Hawn issir riferenza ghal dak li inghad fl-istess Qorti dwar il-komportament ta' Joseph Pace taht in-nomenklatura **"Ragunijiet Gravi",** fejn l-istess Onorabbli Qorti tal-Appell

innutat li kontrarjament ghal dak li xehed, Joseph Pace ghamel uzu mill-art *de quo* bhala tieghu u hassu liberu li jaghmel kemm dejn fuqha u kemm jinnegozja, u allura ssir riferenza ghal dak kollu li nghad fl-istess sentenza minn pagna 21 sa pagna 23 tal-istess, u fost affarjiet ohra li dik l-Onorabbli Qorti rrimarkat hemm ukoll riferenza ghall-kawza odjerna, fejn inghad testwalment li:-

> *""Kienet saret il-kawza imsemmija sopra minn Joseph Borg fl-1989 kontra Terry Limited ghad-danni cjoe' kawza numru 512/89. Joseph Pace kien ikkontesta din it-talba u baqa' jikkontesta tenacjament sakemm fl-2006 huwa ammetta dik it-talba. Pace jghid li hu ammetta (mhux ghax kien sar ftehim ma' Borg) imma ghax hass li fl-2006 hu kien 'liberu' li jghid il-verita' kollha u ma kienx aktar mhedded, ghalkemm dan it-theddid kien suppost ilu li spicca snin qabel, cioe' wara l-1994".*

*"Fil-fehma ta' din il-Qorti jirrizulta ampjament ippruvat li l-kumpanija Terry Limited ma kinitx qed titmexxa sew u skont il-ligi, u l-kawzi kollha li saru kontra taghha u n-numru ta' mandati li hargu, hija prova eklatanti ta' dan. Ghalhekk il-Qorti hi tal-ferma konvinzjoni li gie ppruvat li hemm raguni gravi ta' stralc",* u fil-fatt ordnat l-istralc tal-istess socjeta' bir-risultanzi kif gie deciz fl-istess sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell datata 14 ta' Mejju 2010 li ghaliha qed issir riferenza.

"Illi huwa f'dan il-kuntest li dik li giet indikata bhala ammissjoni *da parte* tas-socjeta' konvenuta Terry Limited giet ukoll trattata, minn dak li qalet din il-Qorti f'din is-sentenza, li jinsab sostnut b'xejn inqas minn din is-sentenza tal-Onorabbbli Qorti tal-Appell, li accennat ukoll ghall-kolluzzjoni li hemm bejn l-attur odjern Joseph Borg u l-istess Joseph Pace, kemm in vista tal-ammissjoni li saret f'din il-kawza, li l-Qorti rreferiet ghalihom kemm bil-bran hawn citat u kif ukoll fejn qalet li hadet id-decizjoni ta' stralc, sabiex *"l-ebda wiehed mill-kredituri ma jiehu vantagg indebitu, u l-istralc tal-kumpanija jsir taht il-kontroll tal-Qorti",* u fejn l-istess Onorabbli Qorti tal-Appell irreferiet ghall-fatt li *"proprjament fil-11 ta' Lulju 2006 giet ipprezentata nota f'isem Terry Limited iffirmata mill-Avukat E. Debono (l-avukat tal-intervenut fil-kawza l-iehor Joseph Borg) fejn il-Qorti giet infurmata li Terry Limited hallset l-ammont mitlub ta' Lm5,123.73…….jidher li f'dan il-kaz, l-offerta tal-pagament tad-dejn ta' Terry Ltd. maghmul mit-terz, l-intervenut Joseph Borg, kienet <u>fl-interess tal-istess terz a detriment tal-kredituri l-ohra u biex jiehu vantagg indebitu</u>……Inoltre din il-Qorti ma teskludix, anzi ttendi li tara, li f'din ic-cirkostanza kien hemm kolluzzjoni bejn Joseph Borg u Joseph Pace. Fil-fatt Joseph Borg fuq kontroezami fis-seduta tas-6 ta' Marzu 2006 xehed hekk:-*

*""Dr. T. Cachia: id-domanda hija semplici, is-sena ta' meta ammetta s-Sur Pace jien saqsejtek.*

*"Joseph Borg: Ha nigi ghad-data ghax inkella ma niftakarx. Joe Pace dejjem qalli: "Hallasni dak li tajt lil Lorry Sant u lil Piju (Camilleri) u jien l-art ma rrid xejn minnha". Dak iz-zmien l-art ma kinitx tiswa hafna flus. Meta ghadda z-zmien l-art giet tiswa l-flus u kien va la pena li naccetta li jien niehu nofsha u wara dak iz-zmien ammetta Joe Pace".*

*"Dr. T. Cachia: Jigifieri Joe Pace ammetta li ftehmtu bejnietkhom.*

*"Mhux ftehmna, wara l-valur tal-art ghola".*

*"Joseph Pace kien l-ewwel ikkontesta bil-qawwa l-kawza numru 512/89 li kien ghamillu Joseph Borg fl-1989, imbaghad kellu ripensament u ammetta din il-kawza fis-17 ta' Ottubru 2003 (Dan meta kienet kolpita b'diversi mandati ta' inibizzjoni u kienet marbuta b'konvenji). Fil-kors ta' din il-kawza, imbaghad fl-2006 Joseph Borg offra wkoll li jhallas d-dejn ta' Joseph Pace fl-ammont ta' Lm5,123.73".*

"Illi fid-dawl ta' dan kollu, u anke fil-kuntest ta' dak li inghad mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-sentenza hawn citata, din il-Qorti thoss li dak li gie allegat mis-socjetajiet intervenuti fil-kawza gie ppruvat, u l-ammissjoni tas-socjeta' Terry Limited hija frott tal-kolluzzjoni li tezisti bejnha u bejn l-atturi odjerni u in partikolari Joseph Borg, u dan huwa abbuz kbir u serju tal-proceduri gudizzjarji, minhabba li dan huwa att frawdolenti fil-konfront tal-kredituri tas-socjeta' Terry Limited. Din il-Qorti thoss li huwa sintomatiku l-kliem tal-Onorabbli Qorti tal-Appell *"li ligi ma taghti ebda kenn lil minn jopera permezz ta' qerq u ingann"* (sentenza datata 6 ta' April 2006) u din il-Qorti taqbel perfettament mal-istess u ghalhekk waslet ghall-kunsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet hawn indikati f'din is-sentenza li jwassluha sabiex tichad it-tielet u r-raba talba attrici.

"Illi permezz tal-hames talba tieghu, l-attur *proprio et nomine* talab lill-Qorti tordna lill-konvenut *nomine* jibqa' inibit milli jbiegh, jassenja jew b'xi mod jittrasferixxi l-imsemmija artijiet jew xi drittijiet fuq l-istess artijiet biex ma jnaqqasx il-garanziji tal-attur u sakemm ihallas dawk id-danni likwidati. In vista

tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula dwar it-tielet u r-raba' talba, din il-hames talba ma tistax tintlaqa'.

"Illi dwar il-**kontro-talba tas-socjeta` konvenuta Terry Limited** din talbet lil din il-Qorti tirrevoka l-mandat ta' inibizzjoni bin-numru 6/89 "**Joseph Borg pro et noe vs Joseph Pace noe**" mahrug mill-Qorti tal-Kummerc fl-20 ta' April 1989 peress li inghad li dan il-Mandat inhareg b'qerq u ma giex segwit b'citazzjoni skont it-termini tal-istess mandat. Inoltre talbet ukoll lil din il-Qorti tiddikjara lill-attur responsabbli ghad-danni b'rizultat tal-hrug tal-istess mandat ta' inibizzjoni.

"Illi min-naha taghhom l-atturi jeccepixxu illi tali talbiet huma nfondati peress li l-mandat ma harigx b'qerq hekk kif sostnut minnhom u li c-citazzjoni li segwiet il-hrug ta' dan il-mandat saret *ai termini* tal-istess mandat kif ukoll ghaliex l-attur ghamel il-kawza skont il-pretensjonijiet u fit-termini tal-istess mandat.

"Illi jinghad li in vista ta' dak ritenut f'din is-sentenza ma hemmx lok li l-istess mandat ta' inibizzjoni jibqa' *in vigore,* u dan peress li gew michuda it-tielet, ir-raba u l-hames talba attrici, b'dan li in vista tal-istess il-mandat ta' inibizzjoni Nru. 6/89 ma jistax jibqa' japplika.

"Illi fi kwalunkwe kaz jirrizulta li l-azzjoni li ressqu l-atturi ma hijiex dik kontemplata fil-mandat ta' inibizzjoni premess, *stante* li bl-azzjoni odjerna attrici ma jirrizultax li l-atturi qed jippretendu xi drittijiet fuq l-artijiet mertu tal-Mandat ta' Inibizzjoni relattiv; fil-fatt l-azzjoni odjerna hija wahda ta' danni u certament mhux dik kontemplata fl-istess rikors ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni u dan fuq l-iskorta tas-sentenza **"Salvu Fenech vs Malta Dairy Products Limited"** (P.A. (RCP) – 31 ta' Ottubru 2003) u dik fl-ismijiet **"Carmela Aquilina vs Francis X. Aquilina"** deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-27 ta' Novembru 1991, fejn sostniet illi:-

> *""Kull mandat kawtelatorju min-natura tieghu stess, ghandu validita' u hajja, sakemm u biex il-kreditur ikollu opportunita' li jikkonkretizza l-kreditu tieghu f'titolu ezekuttiv ……… u jippermetti jesegwixxi kreditu li b' hekk ma jkollux bzonn ta' aktar kawtela".*

"Illi ghalhekk l-istess Onorabbli Qorti tal-Appell fl-istess sentenza ghamlet id-differenza li tezisti bejn *"id-dritt ta' kawtela - cjoe' id-dritt procedurali - li ma huwiex id-dritt sostanzjali li jista' jigi kawtelat. Dawn huma zewg drittijiet distinti u ma jistghux jigu ridotti u konfuzi fi dritt wiehed……… Huwa ovvju li l-jedd imsemmi fil-mandat m' huwiex id-dritt li taghmel il-mandat imma huwa d-dritt li ghalih il-kreditur ghamel uzu mid-dritt li johrog il-mandat".*

"Illi ghalhekk l-ewwel talba tal-kontro-talba tas-socjeta' konvenuta qed tigi milqugha ghar-ragunijiet biss hawn decizi. Rigward it-tieni talba l-istess socjeta' konvenuta ma ressqet ebda prova u ghalhekk din it-tieni talba qed tigi michuda.

**"III. <u>KONKLUZJONI</u>**

"Illi ghalhekk fil-kuntest tal-azzjoni attrici ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi **tichad it-tielet, ir-raba' u l-hames talba attrici** *stante* li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi.

"Bl-ispejjez ta' din id-decizjoni a karigu tal-atturi.

"Illi dwar il-**kontro-talba** tas-socjeta' konvenuta Terry Limited, ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi **tichad it-tieni talba tal-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta Terry Limited, izda tilqa' l-ewwel talba tal-kontro-talba** biss kif hawn deciz, u ghar-ragunijiet hawn decizi, b'dan illi:-

> "1. Tirrevoka l-imsemmi Mandat ta' Inibizzjoni Nru 6/89 fl-ismijiet "**Joseph Brog pro et noe vs Joseph Pace noe**" mahrug mill-Qorti tal-Kummerc fl-20 ta' April 1989 *stante* li ma giex segwit b'citazzjoni skont it-termini tal-istess mandat.

"Bl-ispejjez tal-kontro-talba ghandhom jigu sopportati bin-nofs bejn l-atturi u s-socjeta' konvenuta Terry Limited."

Rat ir-rikors tal-appell tal-attur proprio et nomine li permezz tieghu talab ir-revoka tas-sentenza msemmija u li allura din il-Qorti tilqa' t-talbiet tieghu u tichad il-kontro-talba intiera;

Rat ir-risposti tal-intervenuti fil-kawza li permezz taghhom talbu l-konferma tal-istess sentenza;

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' Mejju 2014 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-Avukati tal-partijiet trattaw l-appell;

Ikkunsidrat:

Il-Qorti qabel xejn tirrileva li gew esebiti mir-risposta ta' Vica Limited numru ta' dokumenti li jidher li setghu facilment gew esebiti fl-ewwel istanza izda li fi kwalunkwe kaz il-Qorti setghet tasal ghas-sentenza taghha minghajr htiega li tistrieh fuqhom.

**<u>Aggravji tal-Appellant</u>**

L-appellant qed iressaq quddiem din il-Qorti hames aggravji.

**L-ewwel tliet aggravji** jirrigwardjaw it-tliet digrieti moghtija mill-ewwel Qorti li permezz taghhom l-istess Qorti laqghet it-talbiet ta' HSBC Bank Malta, Vica Limited u Paola Developments Limited biex jintervjenu f'din il-kawza.

L-argument tal-appellant – fir-rigward ta' HSBC Bank u Paola Developments - bazikament huwa li ladarba l-Qorti tal-Appell permezz tas-sentenza taghha tas-6 ta' April 2006 iddecidiet illi dawn is-socjetajiet ma kellhomx interess guridiku biex jigu citati mill-istess appellant f'din il-kawza, il-Prim'Awla ma setghetx tilqa' t-talbiet taghhom biex jintervjenu fil-kawza. F'dik is-sentenza din il-Qorti in effetti kienet qalet li l-istess socjetajiet ma kellhomx interess guridiku.

Il-Qorti qalet ukoll li l-fatt li persuna jkollha interess fi proceduri gudizzjarji u jkollha interess fl-esitu taghhom ma jfissirx li jkollha wkoll l-interess guridiku necessarju biex ikun parti fil-kawza.

Fir-rigward ta' Vica Limited l-argument tal-appellanti huwa bazikament l-istess u cioe` li din is-socjeta` ma ghandiex interess guridiku biex tintervjeni f'din il-kawza ghaliex hija dahlet f'konvenju mal-konvenut Pace biex tixtri l-art kolpita minn mandat ta' inibizzjoni. Allura ma tistax tintervjeni skont l-appellant, biex ixxejjen id-drittijiet tieghu.

Din il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjonijiet tal-appellant. Hemm differenza bejn l-istituti tal-kjamat fil-kawza, l-intervent fil-kawza u l-interess guridiku biex wiehed ikun parti f'kawza. L-intervenut infatti ma jostakolax il-kontinwazzjoni tal-kawza u differentement mill-kjamat ma ghandux dritt li jgieghel il-proceduri jergghu jibdew biex ikunu prezenti ghas-smiegh tax-xhieda mill-bidu. Hemm allura differenza bejn ir-rekwiziti biex wiehed jigi msejjah fil-kawza jew ikun parti minnha u biex wiehed jintervjeni, bir-rizultat li l-fatt li l-Qorti tal-Appell qalet li l-intervenuti f'din il-kawza ma kellhomx interess guridiku jkunu parti fil-kawza ma jfissirx li ma kellhomx u ma ghandhomx interess li jintervjenu fil-kawza.

> **"***Huwa risaput u jikkostiwixxi duttrina stabbilita li l-intervent filkawza jrid jaccetta l-kawza 'in statu et terminis' u ghalhekk ghandu jaccettaha fit termini u fl-istadju li huwa jsibha fil-mument tal-intervent tieghu u ma jistax jerga jiftah mill-gdid il-gbir tal-provi."* **(Gatt v. Montanaro Gauci, 18 ta' Marzu 2004, Prim'Awla).**

L-imsejjah fil-kawza, bhall-konvenut, jista' jigi kkundannat, diversament mill-intervenut u l-Qorti mhijiex obbligata tippronunzja ruhha fuq eccezzjonijiet tal-intervenut (**Joseph Buhagiar v. Carmel Psaila Qorti tal-Appell, 31 ta' Jannar 1996).**

Ghalhekk il-Qorti setghet kif fil-fatt ghamlet, tilqa' t-talba ghall-intervent una volta stabbilit (anzi kienet gia` ddecidiet dan il-Qorti tal-Appell) illi l-intervenuti kellhom interess fl-ezitu tal-proceduri u ma kien hemm xejn straordinarju f'dan. Huwa evidenti li min ghandu interess fl-ezitu tal-proceduri ghandu d-dritt illi jintervjeni biex ikun jaf x'inhu ghaddej fil-kawza u jipprova bil-mezzi li taghtih il-ligi illi jinfluwenza dak l-ezitu favur il-posizzjoni tieghu. F'dan il-kaz anzi, l-intervenuti ghandhom, kif tghid is sentenza fl-ismijiet **Galea Testaferrata v. Prim Ministru et (Qorti Kostituzzjonali, deciza fl-10 ta' Jannar 2005**) *"interess sostanzjali u dirett fil-kawza u mhux semplicement interess fl-ezitu tal-kawza bil-hsieb li dak l-ezitu jista' jkollu implikazzjonijiet posittivi jew negattivi f'kawzi ohra futuri".*

L-aggravji allura fir-rigward tal-intervenuti fil-kawza huma michuda.

**Ir-raba' aggravju** jirrigwardja l-mertu proprju tal-kawza. L-appellant jsostni li huwa kellu jigi akkordat danni ghall-fatt li gie mgieghel jittrasferixxi l-proprjeta` msemmija lis-socjeta` Terry Limited b'theddid u vjolenza permezz tal-kuntratt tat-8 ta' Dicembru 1981.

Din il-Qorti wara li ezaminat l-atti kollha ma taqbilx mieghu u tikkondividi dak li qalet l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha.

Indubbjament l-art inkwistjoni kienet art agrikola u allura bi ftit valur meta sehh it-trasferiment. Skont id-deposizzjoni **tal-istess attur** huwa kien ittrasferixxa l-proprjeta` proprju bl-iskop li jkunu jistghu jinhargu l-permessi (fol. 227 tal-process) u kien pienament konsapevoli li wara dak it-trasferiment kienu ser jinhargu l-permessi msemmija. Allura issa permezz ta' din il-kawza jrid li japprofitta ruhu minn dak l-agir sija da parti tieghu u tat-terzi cessjonarji msemmija fl-atti tal-kawza billi issa jippretendi in linea ta' danni l-valur tal-art wara li nhargu l-permessi u dan wara li sehh it-trasferiment. Certament ebda Qorti ma tista' tagevola hija stess lil min kien kompartecipi f'dan it-tip ta' manuvrar.

Kif qalet il-Qorti (Prim'Awla) fis-sentenza fl-ismijiet **Enriquez v. Farrugia** (12 ta' Ottubru 1995), *"il-Qorti tifhem li fejn jirrizulta agir skorret li juri mala fides ma ghandhiex thalli lil min jahti ghal dan l-agir jiehu vantagg mill-mala fede tieghu. Il-ligi taghna hija mibnija fuq il bona fides. L-ebda negozju guridiku ma ghandu immunita` mill-principju 'fraus omnia corrumpit."*

Dan jinghad ukoll fir-rigward tal-ammissjoni ta' Joseph Pace tas-16 ta' Ottubru 2003 fejn ammetta t-talbiet attrici u qabel li l-ammont tad-danni kien ta' erba' mija u sittin elf Lira Maltin (Lm460,000), nofs il-valur tal-artijiet trasferiti lil Terry Limited u cioe` snin wara li s-socjeta` tieghu Terry Limited dahlet f'konvenju

biex tittrasferixxi l-istess proprjeta`. Ghamlet sewwa l-ewwel Qorti illi ma tatx affidabilita` lil din l-ammissjoni ghaliex f'dak l-istadju Joseph Pace mhux tant jammetti t-talba kien qieghed izda jikkolludi mal-attur u anke hawn il-Qorti ma ghandhiex tippermetti din it-tip ta' kolluzzjoni tinfluwenza d-decizjoni taghha u dwar dan hemm ukoll riferenza fis-sentenza fl-ismijiet **Vica Limited v. Terry Limited** deciza minn din il-Qorti fl-14 ta' Mejju 2010 fejn Pace gie citat li qal li ammetta meta hass li kien liberu li jaghmel dan (fl-2003) meta t-theddid kien spicca sa mill-1994. In konkluzjoni din il-Qorti taqbel mija fil-mija ma' dak li qalet l-ewwel Qorti, illi din l-ammissjoni kienet "att abbuziv u abbuz serju mill-procedura ta' din il-Qorti.".

Din il-Qorti taqbel ukoll illi l-kuntratt tat-3 ta' Dicembru 1985 ittransiga kull vertenza li kien hemm bejn l-appellanti u Terry Limited, certament fir-rigward tal-proprjetajiet inkwistjoni **illi huma msemmija espressament** fil-kuntratt. Il-Qorti taqbel anke ma' dak li qalet l-ewwel Qorti meta esprimiet il-fehma taghha li anke jekk is-socjeta attrici kellha xi dritt ghad-danni kien messha gabet il-prova rilevanti billi tipproduci l-*accounts* taghha ghall-perjodu qabel it-trasferiment u l-perjodu ta' wara l-istess trasferiment – xi haga li naqset li taghmel. Hemm imbaghad il-konsiderazzjoni ta' x'gieghel lill-appellant jistitwixxi kawza ghad-danni meta seta' pproceda ghar-rexxissjoni tal-kuntratt wara li ottjena s-sentenza li fuqha bbaza dawn il-proceduri u dan meta fl-istess rikors tal-appell qed jghid illi "irid lura hwejjgu u hwejjgu biss.." (pagna 23 tar rikors). Din pero` hija xi haga li jista' jwiegeb ghaliha huwa stess.

**Il-hames u l-ahhar aggravju** jirrigwardja l-kontro-talba u cioe` l-appellant qed jitlob ir-riforma tas-sentenza fuq il-kontro-talba meta l-ewwel Qorti laqghet l-ewwel talba u ordnat ir-revoka tal-mandat ta' inibizzjoni 6/89 illi kien inhareg meta giet intavolata din il-kawza. Huwa car li dan l-aggravju jiddependi fuq l-aggravju precedenti u allura ladarba din il-Qorti se tikkonferma s-sentenza isegwi wkoll li anke dan l-aggravju qed jigi respint.

**<u>Spejjez</u>**

L-appellanti ma indikax aggravju rigwardanti l-ispejjez tal-kawza izda bhal ma jsir solitament, talab ukoll revoka tal-parti tas-sentenza fir-rigward u kwindi l-Qorti ghandha tiddeciedi wkoll dwar dan il-kap tas-sentenza. Hawnhekk, l-ewwel Qorti kkundannatu jhallas l-ispejjez tal-kawza eccetto l-ispejjez tal-kontro-talba li gew imqassma bejn l-appellanti u Terry Limited illi kienet ipproponiet l-istess kontro-talba.

Din il-Qorti jidrilha li peress li inizjalment l-attur proprio et nomine iccita lil Terry Limited u Paola Developments (din tal-ahhar *ghal kull interess li jista' jkollha)* huwa ghandu jbati l-ispejjez ta' dawn is-socjetajiet biss kwantu ghat-talba attrici. Dan anke jekk eventwalment Paola Developments inharget mill-kawza

u sussegwentement intervjeniet. Fir-rigward tal-Bank HSBC u s-socjeta` Vica Limited illi intervjenew fil-kawza dawn ghandhom ibatu l-ispejjez taghhom huma stess bhala tali – fir-rigward tal-procedura ta' prima stanza ghaliex kienu huma li intervjenew. Dawk tal-appell pero` ghandu jbatihom kollha l-appellanti peress li kkawzahom huwa stess bl-intavolar tal-appell. Dawk tal-kontro-talba ghandhom jibqghu kif decizi mill-ewwel Qorti peress li mhux it-talbiet kollha ta' Terry Limited gew milqugha izda anke dawk tal-appell minn din il-kontro-talba ghandu jbatihom l-appellanti.

Ghalhekk huwa biss fir-rigward tal-ispejjez tal-intervenuti fl-ewwel grad li l-Qorti qed tilqa' t-talba tal-appellant.

**Rikors tal-Appellanti dwar il-Kawtela**

Fil-mori tal-appell, l-appellanti pprezenta rikors fejn talab ir-revizjoni tal-mod kif ir-Registratur hadem l-ammont li huwa kellu jiddepozita bhala kawtela ghall-appell. Ghalkemm eventwalment huwa gustament xorta wahda ddepozita dak l-ammont il-Qorti xorta trid tiddeciedi dwar dan ir rikors billi ghadu mhux degretat.

Illi allura l-Qorti permezz ta' dan id-digiret trid tiddeciedi jekk l-appellant huwiex korrett li jitlob li l-ammont indikat mir-Registratur ghall-kawtela huwiex komputat skont il-ligi; huwa qed jghid li l-ammont indikat biex jikkawtela d-drittijiet tad-difensuri tal-intervenuti fil-kawza ma ghandux ikun inkluz mal-ammont komplessiv biex jigi kawtelat ghaliex l-intervenuti mhumiex parti fil-kawza u bl-ebda mod huwa ma jista' jkun ikkundannat ihallas l-ispejjez taghhom. Ghal kompletezza ghandu jinghad ukoll li huwa qed jallega li gew intaxxati drittijiet ghal Joseph Pace u Norman Buckle **personalment** ukoll meta huma gew citati biss ghan-nom tas-socjetajiet imsemmija fir-rikors– izda jirrizulta li ghalkemm dan huwa minnu f'dik li hija tassazzjoni ghad-drittijet u spejjez tal-Prim'Istanza, dan ma japplikax assolutament ghall-komputazzjoni tal-kawtela ghaliex **huwa car** li d-drittijiet se mai dovuti lilhom fil-kwalita` personali taghhom ma gewx inkluzi biex inhadmet il-kawtela.

L-Artikoli tal-Kap. 12 li jirregolaw il-kawtela huma:

> “**209.** (1) Fil-Qorti tal-Appell, jekk meta tissejjaħ il-kawża, jinstab li ma tkunx saret il-garanzija għall-ispejjeż tal-kawża kif provdut fl-artikolu 249, il-qorti għandha minnufih tgħaddi biex tiddikjara l-appell deżert:
>
> “Iżda l-qorti tista' tagħti lill-appellant żmien qasir li fih huwa jkun jista' iġib il-garanzija għall-ispejjeż jekk l-appell ikollu jinstema' bl-urġenza, jew inkella jekk ir-reġistratur ma jkunx:
>
> “(a) stabbilixxa s-somma li għandha titħallas bħala garanzija; u

"(b) innotifika lill-appellant b'dan filwaqt li jgħarrfu b'dak l-avviż x'jista' jiġrilu fil-każ ta' nuqqas minn naħa tiegħu, u dan mill-inqas ghaxart ijiem qabel is-smiegh tal-kawza."

L-Artikolu 249 imbaghad jispeciifka **kif** ghandu jsir id-depozitu tal-garanzija minghajr hsara ghad-dispozizzjoni fuq imsemmija. Ghalkemm f'dan l-istadju l-Qorti ghad ma ghandhiex talba *ad hoc* , tajjeb wiehed isemmi illi *prima facie* imkien ma huwa msemmi li l-appellant huwa ezenti milli jiddepozita l-ammont indikat mir-Registratur ghal xi raguni partikolari u huwa biss il-Gvern ta' Malta u awtoritajiet ohra msemmija fis-sub-inciz (4) ta' dan l-artikolu li huma ezenti u l-Ministru jista' *ai termini* tas-sub-inciz (5) jindika kategorija ta' persuni jew korpi ohra.

Huwa indiskutibbli li l-intervenuti '*ut sic'* ma humiex parti fil-kawza u allura **normalment** ma humiex tenuti jhallsu l-ispejjez ta' haddiehor kif **normalment** lanqas il-partijiet fil-kawza ma jigu kkundannati jhallsu l ispejjez taghhom. Madankollu f'dak l-istadju l-Qorti kienet ghad trid tiddeciedi dan fis-sentenza finali taghha; tajjeb wiehed isemmi li l-istess appellant qed jitlob fit-talbiet tieghu fir-rikors tal-appell biex il-partijiet kollha l-ohra – **komprizi l-intervenuti** – jigu kkundannati jhallsu l-ispejjez; dawn min-naha taghhom qed jitolbu c-cahda tal-istess appell bl-ispejjez kontra l-appellant. Ghalhekk din il-Qorti fil-fatt kellha talba quddiemha rigwardanti l-ispejjez li f'dak l-istadju kienet ghadha ma iddecidietx.

Oltre dan, tajjeb wiehed jiccita s-sentenza ta’ din il-Qorti moghtija fit-28 ta’ Frar 1997 fl-ismijiet **Joseph Chircop et v. Salvatore Muscat et** fejn intqal li *“il-ligi ma timponi ebda kriterji illi fuqhom ghandu jagixxi r-Registratur fl-ezercizzju tal-funzjoni diskrezzjonali tieghu li jiffissa l-kawtela anke jekk hu naturali li tali ammont ghandu jkun determinat fl-isfond tat-talbiet fil-mertu u l-eccezzjonijiet moghtija.”* Il-Qorti pero` ziedet tghid li *“huwa kellu jibqa l-ahhar arbitru sakemm jiddeciedi b’gudizzju u b’mod ragjonevoli*.” Il-Qorti f’din is-sentenza rreferiet ukoll ghal kawza fl-ismijiet **Spiteri v. Azzopardi** deciza fil-31 ta’ Jannar 1901 fejn intqal li fir-rigward tal-ligi li tirregola l-procedura, *“questa si debba osservare alla lettera e non per equipollens.”* (**Vol XVIII- pt 1 pagna 19**). Ghalhekk ladarba l-ligi ma ssemmi xejn fir-rigward hlief dak li gie msemmi aktar qabel, il-Qorti certament ma tistax tilqa’ t-talba tal-appellanti anke f’dan ir-rigward.

Ghalhekk il-Qorti tichad it-talba tal-appellanti kontenuti fir-rikors tieghu msemmi dwar il-kawtela.

**<u>Decizjoni</u>**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddisponi mill-appell billi tichdu u tikkonferma interament s-sentenza appellata **hlief** ghall-ispejjez tat-talba attrici tal-ewwel grad li ghandu jbatihom xorta l-attur appellant hlief pero` ghal dawk tal-HSBC

Bank u Vica Limited u Paola Developments Limited li ghandhom ibatuhom huma stess; l-ispejjez tal-appell huma **kollha u allura komprizi tal-intervenuti fil-kawza** a karigu tal-attur proprio et nomine appellant.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------